**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu*

**2022/0365(COD)**

24.7.2023

# OPINJONI

tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u magni u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, fir-rigward tal-emissjonijiet u d-durabbiltà tal-batterija tagħhom (Euro 7) u t-tħassir tar-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009
(COM(2022)0586 – C9-0375/2022 – 2022/0365(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Marian-Jean Marinescu



*Magħquda fid-diversità*

PA_Legam

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

L-istandard Euro 7 se japplika għall-vetturi bil-mutur kollha billi jistabbilixxi limiti għall-emissjonijiet mhux tal-egżost, inklużi l-emissjonijiet ta' partikoli mill-brejkijiet u mit-tajers sabiex jitnaqqas it-tniġġis tal-arja minn vetturi bil-mutur ġodda mibjugħa fl-UE biex tintlaħaq l-ambizzjoni ta' tniġġis żero tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Filwaqt li l-proposta se tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għat-titjib tal-kwalità tal-arja u l-objettivi ambjentali tal-Unjoni, l-implimentazzjoni tagħha se timplika wkoll mewġa ta' investimenti għall-kategoriji kollha tal-manifatturi tal-vetturi (LDV u HDV) kif ukoll għall-industrija kollha tal-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati (tajers u brejkijiet), li x'aktarx jgħaddu għand il-konsumaturi.

Fil-Valutazzjoni tal-impatt tagħha, il-Kummissjoni Ewropea tistma żieda fil-prezz ta' karozza tal-passiġġieri b'massimu ta' EUR 150, filwaqt li l-industrija tal-karozzi tistma żieda fil-prezz ta' EUR 2 000. Teżisti diskrepanza sinifikanti bejn l-istimi fil-każ tal-HDVs ukoll. Minħabba ż-żieda fil-prezz, huwa mistenni li aktar minn 250 miljun vettura (LDV u HDV) li bħalissa qed jintużaw fl-UE se jintużaw ukoll wara li jidħol fis-seħħ il-Euro 7. Għal dawn il-vetturi, ma hemm l-ebda alternattiva oħra biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO2 għajr li jintużaw fjuwils alternattivi. Il-qafas leġiżlattiv għandu jistimula lill-industrija biex tinvesti fir-Riċerka u l-Iżvilupp għall-fjuwils alternattivi li jniġġsu l-inqas u jinċentiva l-ekonomija tal-produzzjoni fuq skala kbira ta' dawk il-fjuwils biex tiġi żgurata l-kwantità meħtieġa għall-karozzi li qed jintużaw u l-aċċessibbiltà ekonomika tagħha.

Madankollu, għandu jiġi enfasizzat li t-tnaqqis tas-CO2 u t-tnaqqis l-ieħor tal-emissjonijiet (dawk stabbiliti mill-istandard Euro 7) ma jistgħux jiġu ttrattati separatament. Dawn huma konnessi, peress li l-għan aħħari tal-politika huwa li jintlaħaq l-objettiv stabbilit f'Lesti għall-mira ta' 55 %, il-mira ta' tnaqqis ta' 55 % tal-emissjonijiet tas-CO2 fl-2030. Il-leġiżlazzjoni Ewropea jeħtiġilha tadatta ruħha għal din is-sitwazzjoni, inkella l-Ewropa se tipproduċi prodotti antikwati mil-lat teknoloġiku u kompetittiv.

Meta wieħed iżomm f'moħħu dawn kollha, l-objettiv tar-Rapporteur tal-opinjoni TRAN huwa li jissalvagwardja l-bilanċ u l-proporzjonalità bejn il-benefiċċji ambjentali u l-ispejjeż soċjoekonomiċi tal-proposta biex minn naħa waħda jiġu żgurati standards għoljin tal-kwalità tal-arja għaċ-ċittadini tagħna iżda wkoll min-naħa l-oħra l-opportunità għall-industrija Ewropea li tapplika dawn ir-regoli f'perjodu ta' żmien raġonevoli b'investimenti possibbli u konsegwenzi negattivi minimi fuq il-kompetittività tagħhom u tipprevjenti żidiet sinifikanti fil-prezzijiet li jillimitaw il-mobilità, il-possibbiltà li konsumatur medju jikseb karozza, kif ukoll iż-żidiet fil-prezzijiet tat-trasport u l-fjuwil fejn diġà hemm inflazzjoni għolja fl-Unjoni.

**<u>Punti ewlenin tar-Rapport</u>**

1. Skeda

F'massimu ta' sena waħda wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni jeħtiġilha tadotta l-atti ta' implimentazzjoni/delegati.

Ir-Regolament se japplika għal 3 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-atti ta' implimentazzjoni u delegati korrispondenti għal tipi ġodda ta' vetturi $M_1$, $N_1$ u komponenti u unitajiet tekniċi separati, ħlief tajers, brejkijiet, għal dawk il-vetturi u 5 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-atti

ta' implimentazzjoni u delegati korrispondenti għal tipi ġodda ta' vetturi $M_2$, $M_3$, $N_2$ u $N_3$ u komponenti u unitajiet tekniċi separati, ħlief tajers u brejkijiet, għal dawk il-vetturi u trejlers tat-tip $O_3$ u $O_4$.

2. Metodi ta' ttestjar eqreb lejn l-istandards Euro 6/VI mibnija fuq teknoloġija u metodoloġija stabbiliti sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni f'waqtha.

3. Approċċ teknoloġikament newtrali. Introduzzjoni ta' kategorija ġdida ta' vetturi – "vettura tal-fjuwil newtrali f'termini ta' CO2".

4. It-tnaqqis tal-kumplessità, il-kostijiet amministrattivi u ta' implimentazzjoni għall-manifatturi u l-awtoritajiet. Flessibbiltà għall-produtturi żgħar u żgħar ħafna.

5. Tajers. Allinjament mal-ħidma mwettqa fit-Task Force tal-Forum Dinji għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Vetturi (WP29) tan-NU dwar il-Brix tat-Tajers

6. Brejkijiet. Metodi ta' ttestjar allinjati mad-WFHVR tan-NU bit-tnaqqis tal-kumplessità tal-proċeduri

7. Batteriji. Definizzjoni ġdida għal "durabbiltà tal-batterija" – id-durabbiltà ta' batterija tat-trazzjoni mkejla f'termini tas-SOCE tagħha (l-istat tal-enerġija ċċertifikata f'pf) u s-SOCR (l-istat tal-firxa ċċertifikata);

9. Sensuri u kejl tal-emissjonijiet. Dispożizzjoni li tiddikjara li l-miżuri ta' inċentiv relatati ma għandhomx iwasslu biex jipperikolaw is-sikurezza fit-toroq jew jillimitaw il-mobilità.

10. Ir-rekwiżiti tul il-ħajja għandhom ikunu meħtieġa biss fil-firxa tal-użu standard tal-vettura.

## EMENDI

Il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu jistieden lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni dan li ġej:

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (1) Is-suq intern huwa żona li fiha jrid jiġi żgurat il-moviment liberu ta' merkanzija, persuni, servizzi u kapital. Għal dak il-għan, ir-Regolament (KE) ***Nru 2018/858 tal-Parlament Ewropew u*** | (1) Is-suq intern huwa żona li fiha jrid jiġi żgurat il-moviment liberu ta' merkanzija, persuni, servizzi u kapital. Għal dak il-għan, ***dan*** ir-Regolament (KE) ***jenħtieġ li jintroduċi*** sistema komprensiva |

***tal-Kunsill***[43] ***introduċa*** sistema komprensiva ta' approvazzjoni tat-tip u ta' sorveljanza tas-suq għall-vetturi bil-mutur, it-trejlers, u għas-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi.

ta' approvazzjoni tat-tip u ta' sorveljanza tas-suq għall-vetturi bil-mutur, it-trejlers, u għas-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi ***filwaqt li jippreserva d-drittijiet tal-mobilità taċ-ċittadini tal-UE, id-dritt tagħhom tal-għażla libera rigward it-tip ta' karozza/magna li jużaw kif ukoll l-affordabbiltà tal-karozzi personali għaċ-ċittadini, il-kompetittività u l-impjiegi fl-industrija, filwaqt li jippreserva d-dritt taċ-ċittadini tal-UE għal arja nadifa u b'saħħitha***.

[43] Ir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 u li jħassar id-Direttiva 2007/46/KE (ĠU L 151, 14.6.2018, p. 1).

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 1a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1a) Ir-rekwiżiti tal-metodoloġija ta' ttestjar għall-proċeduri tal-approvazzjoni tat-tip għal vetturi ħfief tal-passiġġieri u vetturi ħfief kummerċjali u għal vetturi bil-mutur u magni fir-rigward tal-emissjonijiet minn vetturi tqal tal-merkanzija u xarabanks, inklużi l-kundizzjonijiet ta' limitu għall-ittestjar fir-rigward tas-sustanzi diġà regolati, jenħtieġ li jibqgħu dawk attwalment stipulati fir-Regolament Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet minn vetturi*** |

| | |
|---|---|
| | ***ħfief għall-passiġġieri u minn vetturi kummerċjali (Euro 6) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi u rispettivament stipulati fir-Regolament (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u magni fir-rigward tal-emissjonijiet minn vetturi heavy-duty (Euro VI) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi.*** |

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 1b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1b) Ir-rekwiżiti tal-metodoloġija ta' ttestjar għall-proċeduri tal-approvazzjoni tat-tip għal vetturi ħfief tal-passiġġieri u vetturi ħfief kummerċjali u għal vetturi bil-mutur u magni fir-rigward tal-emissjonijiet minn vetturi tqal tal-merkanzija u xarabanks għal sustanzi ġodda għandhom jiġu rregolati minn dan ir-Regolament, madankollu l-metodoloġija ta' ttestjar trid tkun konsistenti mar-Regolament Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 6) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi u rispettivament stipulata fir-Regolament (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u magni fir-rigward tal-emissjonijiet minn vetturi heavy-duty (Euro VI) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi. Sabiex jiġi allokat biżżejjed żmien għall-manifatturi*** |

| | |
|---|---|
| | ***biex jiżviluppaw u jimplimentaw il-metodoloġija l-ġdida ta' ttestjar, se jiġu pprovduti sentejn addizzjonali għar-regolamentazzjoni tas-sustanzi l-ġodda.*** |

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) Ir-rekwiżiti tekniċi għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur, magni u spare parts fir-rigward tal-emissjonijiet ("approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet") jenħtieġ li jibqgħu armonizzati sabiex jiġi żgurat il-funzjonament xieraq tas-suq intern, kif ukoll livell ***għoli*** ta' protezzjoni tas-saħħa u tal-ambjent komuni fl-Istati Membri kollha. | (2) Ir-rekwiżiti tekniċi għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur, magni u spare parts fir-rigward tal-emissjonijiet ("approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet") jenħtieġ li jibqgħu armonizzati sabiex jiġi żgurat il-funzjonament xieraq tas-suq intern, kif ukoll livell ***ambizzjuż*** ta' protezzjoni tas-saħħa u tal-ambjent komuni fl-Istati Membri kollha ***u jikkontribwixxu għal kwalità tal-arja aħjar***. ***L-Euro 7 bħala parti mill-Pjan ta' Azzjoni tal-UE: Lejn Tniġġis Żero għall-Arja, l-Ilma u l-Ħamrija jenħtieġ li jikkontribwixxi wkoll għat-tranżizzjoni soċjali u ekoloġika biex tinkiseb in-newtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2050 (il-Patt Ekoloġiku);*** |

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) Ir-rekwiżiti tekniċi għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur, magni u spare parts fir-rigward tal-emissjonijiet ("approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet") bħalissa huma stabbiliti f'żewġ Regolamenti li japplikaw għall-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet għal vetturi ħfief u tqal rispettivament, jiġifieri r-Regolament (KE) | (4) Ir-rekwiżiti tekniċi għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur, magni u spare parts fir-rigward tal-emissjonijiet ("approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet") bħalissa huma stabbiliti f'żewġ Regolamenti li japplikaw għall-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet għal vetturi ħfief u tqal rispettivament, jiġifieri r-Regolament (KE) |

| | |
|---|---|
| Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ("Euro 6")[44] u r-Regolament (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ("Euro VI")[45]. ***Ir-raġuni għaliex kien hemm żewġ Regolamenti kienet li l-emissjonijiet ta' vetturi tqal ġew ivverifikati abbażi tal-ittestjar tal-magna, filwaqt li għal vetturi ħfief il-bażi kienet l-ittestjar tal-vettura kollha. Minn dak iż-żmien, ġew żviluppati metodoloġiji li jippermettu l-ittestjar kemm ta' vetturi ħfief kif ukoll ta' vetturi tqal fit-triq. Għalhekk, ma għadux meħtieġ li l-approvazzjoni tat-tip tkun ibbażata fuq l-ittestjar tal-magna.*** | Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ("Euro 6")[44] u r-Regolament (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ("Euro VI")[45] . |
| ______________ | ______________ |
| [44] Ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2007 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi (ĠU L 171, 29.6.2007, p. 1). | [44] Ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2007 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi (ĠU L 171, 29.6.2007, p. 1). |
| [45] Ir-Regolament (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u magni rigward l-emissjonijiet minn vetturi heavy-duty (Euro VI) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 715/2007 u d-Direttiva 2007/46/KE u li jħassar id-Direttivi 80/1269/KEE, 2005/55/KE u 2005/78/KE (ĠU L 188, 18.7.2009, p. 1). | [45] Ir-Regolament (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u magni rigward l-emissjonijiet minn vetturi heavy-duty (Euro VI) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 715/2007 u d-Direttiva 2007/46/KE u li jħassar id-Direttivi 80/1269/KEE, 2005/55/KE u 2005/78/KE (ĠU L 188, 18.7.2009, p. 1). |

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 4a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(4a) Ir-rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip għal tajers C1, C2 u C3 manifatturati ġodda huma stabbiliti fir-Regolament dwar is-Sikurezza Ġenerali ((UE) 2019/2144). Konsegwentement, dan ir-Regolament jikkomplementa dawk ir-rekwiżiti tekniċi – li jenħtieġ li jibqgħu l-bażi għall-approvazzjoni tat-tip ta' tajer ġdid – b'rekwiżiti tal-brix tat-tajers.*** |

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) L-inkorporazzjoni tar-rekwiżiti stipulati fir-Regolament (KE) Nru 715/2007 u fir-Regolament (KE) Nru 595/2009 f'Regolament wieħed jenħtieġ li tiżgura l-koerenza interna tas-sistema tal-approvazzjonijiet tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet kemm għall-vetturi ħfief kif ukoll għal dawk tqal, filwaqt li tippermetti limiti tal-emissjonijiet differenti għal tali vetturi. | (5) L-inkorporazzjoni tar-rekwiżiti stipulati fir-Regolament (KE) Nru 715/2007 u fir-Regolament (KE) Nru 595/2009 f'Regolament wieħed jenħtieġ li tiżgura l-koerenza interna tas-sistema tal-approvazzjonijiet tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet kemm għall-vetturi ħfief kif ukoll għal dawk tqal, filwaqt li tippermetti limiti tal-emissjonijiet differenti għal tali vetturi ***u żżomm l-istess proċeduri ta' ttestjar***. |

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) Barra minn hekk, il-limiti tal-emissjonijiet attwali ġew adottati fl-2007 għal vetturi ħfief u fl-2009 għal vetturi tqal. Iż-żewġ limiti tal-emissjonijiet ġew adottati abbażi tat-teknoloġija li kienet disponibbli f'dak iż-żmien. Minn dak iż-żmien 'il hawn, it-teknoloġija avvanzat u l- | (6) Barra minn hekk, il-limiti tal-emissjonijiet attwali ġew adottati fl-2007 għal vetturi ħfief u fl-2009 għal vetturi tqal. Iż-żewġ limiti tal-emissjonijiet ġew adottati abbażi tat-teknoloġija li kienet disponibbli f'dak iż-żmien. Minn dak iż-żmien 'il hawn, it-teknoloġija avvanzat u l- |

| | |
|---|---|
| livell ta' emissjonijiet miksub b'kombinament ta' teknoloġiji attwali huwa ħafna aktar baxx minn dak miksub aktar minn 15-il sena ilu. ***Jenħtieġ li dak il-progress teknoloġiku jkun rifless fil-limiti tal-emissjonijiet ibbażati fuq it-teknoloġija mill-aktar avvanzata eżistenti u l-għarfien tal-kontrolli tat-tniġġis u għall-inkwinanti rilevanti kollha.*** | livell ta' emissjonijiet miksub b'kombinament ta' teknoloġiji attwali huwa ħafna aktar baxx minn dak miksub aktar minn 15-il sena ilu. |

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) Huwa meħtieġ ukoll li jitnaqqsu l-kumplessità, il-kostijiet amministrattivi u tal-implimentazzjoni għall-manifatturi u għall-awtoritajiet u li tiġi żgurata implimentazzjoni effettiva u effiċjenti tal-klassijiet tal-emissjonijiet Euro. ***Is-simplifikazzjoni tinkiseb billi jiġu eliminati dati ta' applikazzjoni differenti għal-limiti u t-testijiet li kienu jeżistu taħt l-Euro 6 u l-Euro VI, billi jiġu eliminati testijiet multipli u kumplessi tal-emissjonijiet meta tali testijiet ma jkunux meħtieġa, billi ssir referenza għall-istandards skont ir-Regolamenti eżistenti tan-NU, fejn applikabbli, u billi jiġi żgurat sett simplifikat u konsistenti ta' proċeduri u testijiet għad-diversi fażijiet tal-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet.*** | (7) Huwa meħtieġ ukoll li jitnaqqsu l-kumplessità, il-kostijiet amministrattivi u tal-implimentazzjoni għall-manifatturi u għall-awtoritajiet u li tiġi żgurata implimentazzjoni effettiva u effiċjenti tal-klassijiet tal-emissjonijiet Euro. |

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) Sabiex jiġi żgurat li l-emissjonijiet ***kemm*** għal vetturi ħfief ***kif ukoll għal*** | (8) Sabiex jiġi żgurat li l-emissjonijiet ***tal-egżost*** għal vetturi ħfief ikunu limitati |

| | |
|---|---|
| ***vetturi tqal*** ikunu limitati fil-ħajja reali, jeħtieġ li l-vetturi jiġu ttestjati ***f'kundizzjonijiet reali ta' użu b'sett minimu*** ta' restrizzjonijiet, limiti u rekwiżiti oħrajn tas-sewqan ***u mhux biss fil-laboratorju***. | fil-ħajja reali, jeħtieġ li l-vetturi jiġu ttestjati ***f'sett statistikament rappreżentattiv u mhux preġudikat*** ta' restrizzjonijiet, limiti u rekwiżiti oħrajn tas-sewqan. |

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(8a) Il-prestazzjoni tal-RDE għandha tintwera permezz ta' ttestjar tal-vetturi fit-triq, imħaddma fiċ-ċirkostanzi tas-sewqan, il-kundizzjonijiet u t-tagħbijiet utli normali tagħhom. It-test RDE għandu jkun rappreżentattiv għall-vetturi operati fuq ir-rotot tas-sewqan reali tagħhom fit-toroq pubbliċi u fuq it-tagħbija normali tagħhom. Għar-riżultat tat-test għall-verifika tal-konformità tal-vettura, il-prestazzjoni tal-emissjonijiet waqt sewqan mhux rappreżentattiv u preġudikat, ma għandux jitqies.*** |

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(9) L-akkuratezza tat-tagħmir portabbli għall-kejl tal-emissjonijiet użat għall-kejl tal-emissjonijiet tal-vetturi użati fit-triq tjiebet b'mod sinifikanti minn mindu ġie introdott. Għalhekk, huwa xieraq li l-limiti tal-emissjonijiet jiġu bbażati fuq tali kejl fit-triq u, għalhekk, l-ittestjar fit-triq ma jibqax jeħtieġ l-użu ta' fatturi ta' konformità.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) Ir-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 jirrikjedu li l-vetturi jirrispettaw il-limiti tal-emissjonijiet għal perjodu ta' żmien speċifikat, li ma għadux jikkorrispondi għall-ħajja medja tal-vetturi. Għalhekk, huwa xieraq li jiġu stabbiliti rekwiżiti tad-durabbiltà li jirriflettu l-ħajja medja mistennija tal-vetturi fl-Unjoni. | (10) Ir-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 jirrikjedu li l-vetturi jirrispettaw il-limiti tal-emissjonijiet għal perjodu ta' żmien speċifikat, li ma għadux jikkorrispondi għall-ħajja medja tal-vetturi. Għalhekk, huwa xieraq li jiġu stabbiliti rekwiżiti tad-durabbiltà li jirriflettu l-ħajja medja mistennija tal-vetturi fl-Unjoni ***u l-użu standard tagħhom***. |

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (11) Issa hemm teknoloġiji disponibbli u użati b'mod wiesa' madwar id-dinja li jillimitaw l-emissjonijiet evaporattivi ta' komposti organiċi volatili matul l-użu***,*** l-ipparkjar ***u r-riforniment*** ta' vettura ***bil-fjuwil tal-petrol***. Għalhekk, huwa xieraq li jiġu stabbiliti l-limiti tal-emissjonijiet għal tali komposti organiċi volatili f'livell aktar baxx u li jiġu introdotti limiti tal-emissjonijiet għall-fażi tar-riforniment tal-fjuwil. | (11) Issa hemm teknoloġiji disponibbli u użati b'mod wiesa' madwar id-dinja li jillimitaw l-emissjonijiet evaporattivi ta' komposti organiċi volatili matul l-użu ***u*** l-ipparkjar ta' vettura. Għalhekk, huwa xieraq li jiġu stabbiliti l-limiti tal-emissjonijiet għal tali komposti organiċi volatili f'livell aktar baxx u li jiġu introdotti limiti tal-emissjonijiet għall-fażi tar-riforniment tal-fjuwil. |

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) L-emissjonijiet mhux tal-egżost jikkonsistu f'partikoli emessi mit-tajers u mill-brejkijiet tal-vetturi. L-emissjonijiet | (12) L-emissjonijiet mhux tal-egżost jikkonsistu f'partikoli emessi mit-tajers u mill-brejkijiet tal-vetturi. L-emissjonijiet |

| | |
|---|---|
| mit-tajers huma stmati li huma l-akbar sors ta' mikroplastiċi fl-ambjent. Kif muri fil-Valutazzjoni tal-Impatt, huwa mistenni li sal-2050, l-emissjonijiet mhux tal-egżost se jikkostitwixxu sa 90 % tal-partikoli kollha emessi mit-trasport bit-triq, minħabba li l-partikoli tal-egżost se jonqsu minħabba l-elettrifikazzjoni tal-vetturi. Għalhekk, jenħtieġ li dawk l-emissjonijiet mhux tal-egżost jitkejlu u jiġu limitati. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tħejji rapport dwar il-brix tat-tajers sa tmiem l-2024 sabiex tirrieżamina l-metodi tal-kejl u l-ogħla livell ta' żvilupp tekniku sabiex tipproponi limiti għall-brix tat-tajers. | mit-tajers huma stmati li huma l-akbar sors ta' mikroplastiċi fl-ambjent. Kif muri fil-Valutazzjoni tal-Impatt, huwa mistenni li sal-2050, l-emissjonijiet mhux tal-egżost se jikkostitwixxu sa 90 % tal-partikoli kollha emessi mit-trasport bit-triq, minħabba li l-partikoli tal-egżost se jonqsu minħabba l-elettrifikazzjoni tal-vetturi. Għalhekk, jeħtieġ li dawk l-emissjonijiet mhux tal-egżost jitkejlu u jiġu limitati. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tħejji rapport dwar il-brix tat-tajers sa tmiem l-2024 sabiex tirrieżamina l-metodi tal-kejl u l-ogħla livell ta' żvilupp tekniku sabiex tipproponi limiti għall-brix tat-tajers ***f'konformità mal-ħidma mwettqa mit-Task Force dwar il-Brix tat-Tajers tal-Forum Dinji tan-NU għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti dwar il-Vetturi (WP29)***. |

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (13) Ir-Regolament (UE) 2019/2144 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[46] jirregola l-indikaturi tat-tibdil tal-gerijiet (GSI), li l-iskop ewlieni tagħhom huwa li jimminimizzaw il-konsum tal-fjuwil ta' vettura meta sewwieq isegwi l-indikazzjonijiet tagħha. Madankollu, ir-rekwiżiti dwar l-emissjonijiet tal-inkwinanti fl-użu reali, inkluż meta jiġu segwiti l-GSI, jenħtieġ li jiġu indirizzati f'dan ir-Regolament. | (13) Ir-Regolament (UE) 2019/2144 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[46] jirregola l-indikaturi tat-tibdil tal-gerijiet (GSI), li l-iskop ewlieni tagħhom huwa li jimminimizzaw il-konsum tal-fjuwil ta' vettura meta sewwieq isegwi l-indikazzjonijiet tagħha. Madankollu, ir-rekwiżiti dwar l-emissjonijiet tal-inkwinanti fl-użu reali, inkluż meta jiġu segwiti l-GSI, jenħtieġ li jiġu indirizzati f'dan ir-Regolament ***sabiex is-sewwieqa ma jiġux stigmatizzati minħabba l-istil tas-sewqan tagħhom, it-tip ta' magna jew gearbox fil-vettura tagħhom, jew l-età tal-vettura***. |
| [46] Ir-Regolament (UE) 2019/2144 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip għall-vetturi bil- | [46] Ir-Regolament (UE) 2019/2144 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip għall-vetturi bil- |

| | |
|---|---|
| mutur u t-trejlers tagħhom, kif ukoll għas-sistemi, għall-komponenti u għall-unitajiet tekniċi separati maħsubin għat-tali vetturi, fir-rigward tas-sikurezza ġenerali tagħhom u tal-protezzjoni tal-okkupanti tal-vetturi u l-utenti vulnerabbli tat-triq, li jemenda r-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 78/2009, (KE) Nru 79/2009 u (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u tar-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 631/2009, (UE) Nru 406/2010, (UE) Nru 672/2010, (UE) Nru 1003/2010, (UE) Nru 1005/2010, (UE) Nru 1008/2010, (UE) Nru 1009/2010, (UE) Nru 19/2011, (UE) Nru 109/2011, (UE) Nru 458/2011, (UE) Nru 65/2012, (UE) Nru 130/2012, (UE) Nru 347/2012, (UE) Nru 351/2012, (UE) Nru 1230/2012 u (UE) 2015/166 (ĠU L 325, 16.12.2019, p. 1). | mutur u t-trejlers tagħhom, kif ukoll għas-sistemi, għall-komponenti u għall-unitajiet tekniċi separati maħsubin għat-tali vetturi, fir-rigward tas-sikurezza ġenerali tagħhom u tal-protezzjoni tal-okkupanti tal-vetturi u l-utenti vulnerabbli tat-triq, li jemenda r-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 78/2009, (KE) Nru 79/2009 u (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u tar-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 631/2009, (UE) Nru 406/2010, (UE) Nru 672/2010, (UE) Nru 1003/2010, (UE) Nru 1005/2010, (UE) Nru 1008/2010, (UE) Nru 1009/2010, (UE) Nru 19/2011, (UE) Nru 109/2011, (UE) Nru 458/2011, (UE) Nru 65/2012, (UE) Nru 130/2012, (UE) Nru 347/2012, (UE) Nru 351/2012, (UE) Nru 1230/2012 u (UE) 2015/166 (ĠU L 325, 16.12.2019, p. 1). |

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 13a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(13a) Sabiex il-manifatturi jkunu jistgħu jikkonformaw mal-limiti tal-emissjonijiet fil-kuntest tal-proċeduri tat-test, il-kriterji ta' konformità jenħtieġ li jiġu introdotti mill-Kummissjoni f'żewġ stadji. Matul l-ewwel stadju, wara talba mill-manifattur, jenħtieġ li japplika fattur ta' konformità temporanju, filwaqt li bħala t-tieni stadju jenħtieġ li jintuża biss il-fattur ta' konformità finali. Il-fattur ta' konformità finali jenħtieġ li jiġi stabbilit matul perjodu ta' tranżizzjoni u jinkludi marġni li jesprimi l-inċertezza tal-kejl addizzjonali. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tivvaluta kontinwament dak il-fattur ta' konformità fid-dawl tal-progress tekniku u ta' kull sena taġġustah 'l isfel abbażi ta' evidenza xjentifika, l-akkuratezza mtejba tal-proċedura ta' kejl u l-progress*** |

|  |  |
|---|---|
|  | ***tekniku. Il-fattur ta' konformità jenħtieġ li jitbaxxa b'mod gradwali u jieqaf japplika sal-2035.*** |

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (14) Il-vetturi bil-batteriji tat-trazzjoni, inklużi l-vetturi ibridi plug-in u l-vetturi elettriċi bil-batteriji, jikkontribwixxu għad-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport bit-triq. Sabiex tinkiseb u tiżdied il-fiduċja tal-konsumatur f'tali vetturi, jenħtieġ li dawn ikunu jiffunzjonaw sewwa u durabbli. Għalhekk, huwa importanti li jkun meħtieġ li l-batteriji tat-trazzjoni jżommu parti tajba mill-kapaċità inizjali tagħhom wara ħafna snin ta' użu. Dan huwa ta' importanza partikolari għax-xerrejja ta' vetturi elettriċi użati sabiex jiġi żgurat li l-vettura tkompli taħdem kif mistenni. Għalhekk, jenħtieġ li l-monitors ***tal-istat tas-saħħa*** tal-batterija jkunu meħtieġa għall-vetturi kollha li jużaw il-batteriji tat-trazzjoni. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġu introdotti rekwiżiti minimi tal-prestazzjoni għad-durabbiltà tal-batteriji ***tal-karozzi tal-passiġġieri***, filwaqt li jitqies ir-Regolament Tekniku Globali tan-NU Nru 22[47]. | (14) Il-vetturi bil-batteriji tat-trazzjoni, inklużi l-vetturi ibridi plug-in u l-vetturi elettriċi bil-batteriji, jikkontribwixxu għad-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport bit-triq. Sabiex tinkiseb u tiżdied il-fiduċja tal-konsumatur f'tali vetturi, jenħtieġ li dawn ikunu jiffunzjonaw sewwa u durabbli. Għalhekk, huwa importanti li jkun meħtieġ li l-batteriji tat-trazzjoni jżommu parti tajba mill-kapaċità inizjali tagħhom wara ħafna snin ta' użu. Dan huwa ta' importanza partikolari għax-xerrejja ta' vetturi elettriċi użati sabiex jiġi żgurat li l-vettura tkompli taħdem kif mistenni. Għalhekk, jenħtieġ li l-monitors ***tal-istat tal-enerġija ċċertifikata (SOCE) u l-istat tal-firxa ċċertifikata (SOCR)*** tal-batterija jkunu meħtieġa għall-vetturi kollha li jużaw il-batteriji tat-trazzjoni. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġu introdotti rekwiżiti minimi tal-prestazzjoni għad-durabbiltà tal-batteriji, filwaqt li jitqies ir-Regolament Tekniku Globali tan-NU Nru 22[47]. ***Jenħtieġ li jiġi previst ukoll appoġġ Ewropew għar-riċerka u l-iżvilupp għall-produzzjoni ta' batteriji li jużaw teknoloġiji li jniġġsu anqas.*** |
| [47] Ir-Regolament Tekniku Globali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Durabbiltà tal-Batterija fil-Vettura għall-Vetturi Elettrifikati, UN GTR 22 | [47] Ir-Regolament Tekniku Globali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Durabbiltà tal-Batterija fil-Vettura għall-Vetturi Elettrifikati, UN GTR 22 |

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (15) It-tbagħbis tal-vetturi sabiex jitneħħew jew jiġu diżattivati partijiet mis-sistemi ta' kontroll tat-tniġġis huwa problema magħrufa sew. Tali prattika twassal għal emissjonijiet mhux ikkontrollati u jenħtieġ li tiġi evitata. It-tbagħbis tal-odometru jwassal għal kilometraġġ falz u jfixkel il-kontroll xieraq waqt is-servizz ta' vettura. Għalhekk, huwa ***tal-akbar importanza li tiġi ggarantita l-ogħla*** protezzjoni ***possibbli*** tas-sigurtà ta' dawk is-sistemi***, kompluta b'ċertifikati tas-sigurtà u protezzjoni xierqa kontra t-tbagħbis sabiex jiġi żgurat li la s-sistemi*** ta' kontroll ***tat-tniġġis u lanqas l-odometru tal-vettura ma jkunu jistgħu jiġu mbagħbsa***. | (15) It-tbagħbis tal-vetturi sabiex jitneħħew jew jiġu diżattivati partijiet mis-sistemi ta' kontroll tat-tniġġis huwa problema magħrufa sew. Tali prattika twassal għal emissjonijiet mhux ikkontrollati u jenħtieġ li tiġi evitata ***permezz ta' azzjoni għall-prevenzjoni tar-reklamar, il-bejgħ u l-installazzjoni ta' apparat ta' tbagħbis***. It-tbagħbis tal-odometru jwassal għal kilometraġġ falz u jfixkel il-kontroll xieraq waqt is-servizz ta' vettura***, u għalhekk l-Istati Membri jenħtieġ li jsegwu l-eżempju ta' Stati Membri oħra u jintroduċu reġistrazzjoni tal-kilometraġġ tal-vettura meta vettura ssirilha manutenzjoni jew waqt spezzjoni teknika perjodika***. Għalhekk, huwa ***importanti li vetturi ġodda jkunu ddisinjati bi*** protezzjoni ***xierqa*** tas-sigurtà ta' dawk is-sistemi. ***Jeħtieġ ukoll li tiġi prevista sistema effettiva ta' sanzjonijiet għall-manifatturi tal-karozzi li jipproduċu u/jew jużaw sistemi*** ta' kontroll***, dijanjożi u monitoraġġ li jbiddlu r-riżultati sabiex jikkonformaw ma' din il-leġiżlazzjoni.*** |

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 16**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (16) Illum diġà qegħdin jintużaw sensuri installati fuq il-vetturi sabiex jindividwaw anomaliji fl-emissjonijiet u sabiex jiskattaw tiswijiet relatati permezz tas-sistema dijanjostika abbord (OBD). Madankollu, ***is-sistema OBD li qiegħda tintuża bħalissa ma tindividwax b'mod preċiż jew f'waqtu l-ħsarat u lanqas ma twassal sabiex isiru tiswijiet suffiċjenti u*** | (16) Illum diġà qegħdin jintużaw sensuri installati fuq il-vetturi sabiex jindividwaw anomaliji fl-emissjonijiet u sabiex jiskattaw tiswijiet relatati permezz tas-sistema dijanjostika abbord (OBD) ***u l-indikatur tal-ħsara fid-dashboard (MI).*** Madankollu, huwa possibbli li l-vetturi jarmu aktar milli huma permessi ***skont kemm idumu s-sewwieqa jew l-operaturi*** |

***f'waqthom. B'riżultat ta' dan,*** huwa possibbli li l-vetturi jarmu ***ferm*** aktar milli huma permessi. ***Is-sensuri*** użati sa issa għall-OBD jistgħu jintużaw ukoll sabiex jimmonitorjaw u jikkontrollaw l-imġiba tal-emissjonijiet tal-vetturi ***fuq bażi kontinwa permezz ta' sistema ta' monitoraġġ abbord (OBM). L-OBM se twissi wkoll lill-utent sabiex iwettaq tiswijiet tal-magna jew tas-sistemi ta' kontroll tat-tniġġis meta dawn ikunu meħtieġa. Għalhekk, huwa xieraq li jkun meħtieġ li tali sistema tiġi installata u li jiġu regolati r-rekwiżiti tekniċi tagħha***.

***biex isegwu l-indikazzjoni tal-MI tal-OBD. Xi sensuri*** użati sa issa għall-OBD jistgħu jintużaw ukoll sabiex jimmonitorjaw u jikkontrollaw l-imġiba tal-emissjonijiet tal-vetturi ***u jistgħu jgħinu biex itejbu l-funzjonalità tal-OBD. L-inċitament ta' miżuri implikati minn dawk is-sistemi ma jridx iwassal biex jipperikola s-sikurezza fit-toroq jew jillimita l-mobilità***.

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (17) Il-manifatturi jistgħu jagħżlu li jipproduċu vetturi li jikkonformaw ***ma' limiti aktar baxxi tal-emissjonijiet*** jew ***ma' durabbiltà aħjar tal-batteriji minn dak li huwa meħtieġ f'dan ir-Regolament, jew li jinkludu għażliet avvanzati, inklużi geofencing u kontrolli adattivi***. Jenħtieġ li l-konsumaturi u l-awtoritajiet nazzjonali jkunu jistgħu jidentifikaw tali vetturi permezz ta' dokumentazzjoni xierqa. Għalhekk, jenħtieġ li jkun disponibbli passaport ambjentali tal-vetturi (EVP). | (17) Il-manifatturi jistgħu jagħżlu li jipproduċu vetturi li jikkonformaw ***ma' fjuwils newtrali għas-CO2*** jew ***b'effiċjenza tad-WLTP għolja***. Jenħtieġ li l-konsumaturi u l-awtoritajiet nazzjonali jkunu jistgħu jidentifikaw tali vetturi permezz ta' dokumentazzjoni xierqa. Għalhekk, jenħtieġ li jkun disponibbli passaport ambjentali tal-vetturi (EVP). |

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 18**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (18) ***F'każ li l-Kummissjoni tagħmel proposta għar-reġistrazzjoni wara l-2035 ta'*** vetturi ħfief ***ġodda li jaħdmu esklussivament*** fuq fjuwils newtrali għas- | (18) ***Dan ir-Regolament jenħtieġ li jipprevedi l-approvazzjoni tat-tip ta'*** vetturi ħfief ***u tqal ġodda li joperaw biss*** fuq fjuwils newtrali għas-CO2. ***Jenħtieġ li*** |

CO2 ***barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-istandards tal-flotta tas-CO2, u f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u mal-objettiv tan-newtralità klimatika tal-Unjoni, dan ir-Regolament se jkollu jiġi emendat sabiex jinkludi l-possibbiltà li*** tali vetturi ***jkollhom it-tip approvat***.

***tiġi stabbilita kategorija speċifika ta' vettura għall-approvazzjoni tat-tip tagħha.*** Tali vetturi ***li jużaw il-magna tal-kombustjoni interna jenħtieġ li jkunu eliġibbli għar-reġistrazzjoni, anki wara l-2035, sabiex jippermettu approċċ strettament teknoloġikament newtrali.***

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 19**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (19) L-emissjonijiet minn vetturi mibjugħa minn manifatturi ta' volum żgħir jikkostitwixxu parti insinifikanti mill-emissjonijiet fl-Unjoni. Għalhekk, f'xi wħud mir-rekwiżiti għal tali manifatturi tista' tiġi permessa ċerta flessibbiltà. Għalhekk, jenħtieġ li l-manifatturi ta' volum żgħir ikunu jistgħu jissostitwixxu ċerti testijiet matul l-approvazzjoni tat-tip b'dikjarazzjonijiet tal-konformità, filwaqt li l-manifatturi ta' volum żgħir ħafna jenħtieġ li jitħallew jużaw testijiet tal-laboratorju ***bbażati fuq ċikli aleatorji ta' sewqan reali***. | (19) L-emissjonijiet minn vetturi mibjugħa minn manifatturi ta' volum żgħir jikkostitwixxu parti insinifikanti mill-emissjonijiet fl-Unjoni. Għalhekk, f'xi wħud mir-rekwiżiti għal tali manifatturi tista' tiġi permessa ċerta flessibbiltà. Għalhekk, jenħtieġ li l-manifatturi ta' volum żgħir ikunu jistgħu jissostitwixxu ċerti testijiet matul l-approvazzjoni tat-tip b'dikjarazzjonijiet tal-konformità, filwaqt li l-manifatturi ta' volum żgħir ħafna jenħtieġ li jitħallew jużaw testijiet tal-laboratorju ***f'konformità mal-proċeduri ta' ttestjar ta' dan ir-Regolament***. ***B'rabta ma' dak li huwa meħtieġ fir-rigward tar-regolamenti tas-CO2, l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għal manifatturi żgħar u żgħar ħafna għandha tiġi posposta u valida biss 6 snin wara l-leġiżlazzjoni sekondarja rilevanti.*** |

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 21**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (21) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni | (21) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jeħtieġ li l-Kummissjoni |

tingħata setgħat ta' implimentazzjoni b'rabta mal-obbligi tal-manifatturi bħala parti mill-approvazzjoni tat-tip u l-proċeduri, it-test u l-metodoloġiji li għandhom jiġu applikati għad-dikjarazzjoni tal-konformità, il-konformità tal-kontroll tal-produzzjoni, il-kontroll tal-konformità waqt is-servizz u l-passaport ambjentali tal-vetturi (EVP); l-għażliet u d-deżinjazzjonijiet tal-vetturi; ir-rekwiżiti, it-testijiet, il-metodi u l-miżuri korrettivi relatati mad-durabbiltà tal-vetturi, tas-sistemi, tal-komponenti u tal-unitajiet tekniċi separati, kif ukoll il-kapaċitajiet ta' reġistrazzjoni u ta' komunikazzjoni tas-sistemi ta' OBM, inkluż għall-fini ta' spezzjonijiet tekniċi perjodiċi u kontrolli tal-affidabbiltà stradali; ir-rekwiżiti u l-informazzjoni li għandhom jiġu pprovduti mill-manifatturi ta' vetturi mibnija f'diversi stadji, kif ukoll il-proċeduri sabiex jiġi ddeterminat il-valur tas-$CO_2$ għal dawn il-vetturi mibnija f'diversi stadji; l-elementi tekniċi, ir-rekwiżiti amministrattivi u ta' dokumentazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet, il-kontrolli u l-ispezzjonijiet u l-kontrolli tas-sorveljanza tas-suq, kif ukoll l-obbligi ta' rapportar, il-konformità waqt is-servizz u l-konformità tal-kontrolli tal-produzzjoni; il-metodi u t-testijiet sabiex ***(i)*** jitkejlul-emissjonijiet tal-egżost fil-laboratorju u fit-triq, inklużi ċ-ċikli aleatorji ***u tal-agħar xenarju*** tat-test tal-RDE, l-użu ta' sistemi portabbli tal-kejl tal-emissjonijiet għall-verifika tal-emissjonijiet f'sewqan reali u tal-emissjonijiet waqt it-tħaddim ta' magna fuq idle, (ii) jiġu ddeterminati l-emissjonijiet tas-$CO_2$, il-konsum tal-fjuwil u tal-enerġija, l-awtonomija elettrika u l-potenza tal-magna ta' vettura bil-mutur, (iii) jiġu pprovduti speċifikazzjonijiet għall-indikatur tat-tibdil tal-ger (GSI), (iv) jiġi ddeterminat l-impatt ta' trejlers ***$O_3$, $O_4$*** fuq il-konsum ***tas-$CO_2$***, tal-fjuwil u tal-enerġija, l-awtonomija elettrika u l-potenza tal-magna ta' vettura bil-mutur, (iv) jitkejlu l-emissjonijiet mill-kaxxa tal-krank, l-

tingħata setgħat ta' implimentazzjoni b'rabta mal-obbligi tal-manifatturi bħala parti mill-approvazzjoni tat-tip u l-proċeduri, it-test u l-metodoloġiji li għandhom jiġu applikati għad-dikjarazzjoni tal-konformità, il-konformità tal-kontroll tal-produzzjoni, il-kontroll tal-konformità waqt is-servizz u l-passaport ambjentali tal-vetturi (EVP); l-għażliet u d-deżinjazzjonijiet tal-vetturi; ir-rekwiżiti, it-testijiet, il-metodi u l-miżuri korrettivi relatati mad-durabbiltà tal-vetturi, tas-sistemi, tal-komponenti u tal-unitajiet tekniċi separati, kif ukoll il-kapaċitajiet ta' reġistrazzjoni u ta' komunikazzjoni tas-sistemi ta' OBM, inkluż għall-fini ta' spezzjonijiet tekniċi perjodiċi u kontrolli tal-affidabbiltà stradali; ir-rekwiżiti u l-informazzjoni li għandhom jiġu pprovduti mill-manifatturi ta' vetturi mibnija f'diversi stadji, kif ukoll il-proċeduri sabiex jiġi ddeterminat il-valur tas-$CO_2$ għal dawn il-vetturi mibnija f'diversi stadji; l-elementi tekniċi, ir-rekwiżiti amministrattivi u ta' dokumentazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet, il-kontrolli u l-ispezzjonijiet u l-kontrolli tas-sorveljanza tas-suq, kif ukoll l-obbligi ta' rapportar, il-konformità waqt is-servizz u l-konformità tal-kontrolli tal-produzzjoni; il-metodi u t-testijiet sabiex jitkejjlu l-emissjonijiet tal-egżost fil-laboratorju u fit-triq, inklużi ċ-ċikli aleatorji ***iżda statistikament rilevanti*** tat-test tal-RDE, l-użu ta' sistemi portabbli tal-kejl tal-emissjonijiet għall-verifika tal-emissjonijiet f'sewqan reali u tal-emissjonijiet waqt it-tħaddim ta' magna fuq idle, (ii) jiġu ddeterminati l-emissjonijiet tas-CO2, il-konsum tal-fjuwil u tal-enerġija, l-awtonomija elettrika u l-potenza tal-magna ta' vettura bil-mutur, (iii) jiġu pprovduti speċifikazzjonijiet għall-indikatur tat-tibdil tal-ger (GSI), (iv) jiġi ddeterminat l-impatt ta' trejlers ***O3, O4*** fuq il-konsum ***tas-CO2***, tal-fjuwil u tal-enerġija, l-awtonomija elettrika u l-potenza tal-magna ta' vettura bil-mutur, (iv) jitkejlu l-emissjonijiet mill-kaxxa tal-krank, l-

emissjonijiet evaporattivi***,*** l-emissjonijiet mill-brejkijiet, (v) tiġi evalwata l-konformità mar-rekwiżiti minimi tal-prestazzjoni tad-durabbiltà tal-batterija, (vi) tiġi vvalutata l-konformità waqt is-servizz tal-magni u tal-vetturi; il-limiti tal-konformità u ***r-rekwiżiti*** tal-prestazzjoni, kif ukoll (vii) it-test u l-metodi sabiex ***tiġi żgurata l-prestazzjoni*** tas-sensuri ***(OBD*** u ***OBM)***; (viii) il-metodi sabiex jiġu żgurati u vvalutati l-miżuri ta' sigurtà; l-ispeċifikazzjoni u l-karatteristiċi tas-sistemi ta' twissija għas-sewwieq u tal-metodi ta' inċitament u sabiex jiġi vvalutat it-tħaddim korrett tagħhom; (ix) il-metodi sabiex jiġu vvalutati t-tħaddim korrett, l-effettività, ir-riġenerazzjoni u d-durabbiltà tas-sistemi oriġinali u ta' sostituzzjoni għall-kontroll tat-tniġġis; (x) il-metodi sabiex jiġu żgurati u vvalutati l-miżuri ta' sigurtà, inklużi l-analiżi tal-vulnerabbiltà u l-protezzjoni mit-tbagħbis; (xi) il-metodi sabiex jiġi vvalutat il-funzjonament korrett tat-tipi approvati taħt deżinjazzjonijiet speċifiċi tal-EURO7; (xii) il-kriterji għall-approvazzjonijiet tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet għall-manifatturi ta' volum żgħir u żgħir ħafna; (xiii) il-kontrolli u l-proċeduri ta' ttestjar għall-vetturi mibnija f'diversi stadji; (xiv) ir-rekwiżiti tal-prestazzjoni għat-tagħmir tat-test; (xv) l-ispeċifikazzjoni tal-fjuwils ta' referenza; u (xvi) il-metodi għall-valutazzjoni tan-nuqqas ta' apparat ta' manipulazzjoni u strateġiji ta' manipulazzjoni; (xvii) sabiex jitkejjel il-brix tat-tajers***, kif ukoll*** (xviii) il-format tal-EVP, id-data u l-metodu ta' komunikazzjoni tad-data tal-EVP. Jenħtieġ li dawk is-setgħat jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[50].

emissjonijiet evaporattivi ***u*** l-emissjonijiet mill-brejkijiet ***f'konformità mad-WFHVR tan-NU***, (v) tiġi evalwata l-konformità mar-rekwiżiti minimi tal-prestazzjoni tad-durabbiltà tal-batterija ***f'konformità mad-WFHVR tan-NU***, (vi) tiġi vvalutata l-konformità waqt is-servizz tal-magni u tal-vetturi; il-limiti tal-konformità u ***r-rekwiżiti*** tal-prestazzjoni, kif ukoll (vii) it-test u l-metodi sabiex ***jiġi żgurat il-funzjonament xieraq*** tas-sensuri ***għall-OBD*** u ***l-OBM***; (viii) il-metodi sabiex jiġu żgurati u vvalutati l-miżuri ta' sigurtà; l-ispeċifikazzjoni u l-karatteristiċi tas-sistemi ta' twissija għas-sewwieq u tal-metodi ta' inċitament u sabiex jiġi vvalutat it-tħaddim korrett tagħhom; (ix) il-metodi sabiex jiġu vvalutati t-tħaddim korrett, l-effettività, ir-riġenerazzjoni u d-durabbiltà tas-sistemi oriġinali u ta' sostituzzjoni għall-kontroll tat-tniġġis; (x) il-metodi sabiex jiġu żgurati u vvalutati l-miżuri ta' sigurtà, inklużi l-analiżi tal-vulnerabbiltà u l-protezzjoni mit-tbagħbis; (xi) il-metodi sabiex jiġi vvalutat il-funzjonament korrett tat-tipi approvati taħt deżinjazzjonijiet speċifiċi tal-EURO7; (xii) il-kriterji għall-approvazzjonijiet tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet għall-manifatturi ta' volum żgħir u żgħir ħafna; (xiii) il-kontrolli u l-proċeduri ta' ttestjar għall-vetturi mibnija f'diversi stadji; (xiv) ir-rekwiżiti tal-prestazzjoni għat-tagħmir tat-test; (xv) l-ispeċifikazzjoni tal-fjuwils ta' referenza; u (xvi) il-metodi għall-valutazzjoni tan-nuqqas ta' apparat ta' manipulazzjoni u strateġiji ta' manipulazzjoni; (xvii) sabiex jitkejjel il-brix tat-tajers ***f'konformità mad-WFHVR tan-NU,*** (xviii) il-format tal-EVP, id-data u l-metodu ta' komunikazzjoni tad-data tal-EVP ***kif ukoll (xix) miżuri biex tiġi ċċarata l-applikazzjoni ta' testijiet li l-manifatturi, l-Istati Membri, il-partijiet terzi/il-Kummissjoni jenħtieġ li jeżerċitaw għall-approvazzjoni tat-tip inizjali, il-konformità tal-produzzjoni, il-konformità waqt is-servizz u s-sorveljanza tas-suq***. Jenħtieġ li dawk is-setgħat jiġu eżerċitati

f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[50]. ***Jenħtieġ li l-Kummissjoni tadotta l-atti previsti f'dan il-paragrafu mhux aktar tard minn sena mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament jew tad-WFHVR tan-NU.***

[50] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

[50] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 22**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(22) Sabiex jiġu emendati jew issupplimentati, kif xieraq, elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-kundizzjonijiet tat-test abbażi tad-data miġbura meta jiġu ttestjati ***vetturi,*** brejkijiet jew tajers Euro 7; ***ir-rekwiżiti*** tat-test, ***b'mod partikolari*** billi jitqiesu l-progress tekniku u d-data miġbura meta jiġu ttestjati vetturi Euro 7***; l-introduzzjoni ta' għażliet u deżinjazzjonijiet tal-vetturi bbażati fuq teknoloġiji innovattivi għall-manifatturi, iżda wkoll*** l-istabbiliment ta' limiti tal-emissjonijiet tal-partikoli tal-brejkijiet u limiti tal-brix għat-tipi ta' tajers, kif ukoll rekwiżiti minimi tal-prestazzjoni tal-batteriji ***u multiplikaturi tad-durabbiltà bbażati fuq id-data miġbura meta jiġu ttestjati vetturi Euro 7 u l-istabbiliment ta' definizzjonijiet u***

*Emenda*

(22) Sabiex jiġu emendati jew issupplimentati, kif xieraq, elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-kundizzjonijiet tat-test abbażi tad-data miġbura meta jiġu ttestjati brejkijiet jew tajers Euro 7; ***l-applikazzjoni tar-rekwiżiti*** tat-test, billi jitqiesu l-progress tekniku u d-data miġbura meta jiġu ttestjati vetturi Euro 7***, iżda biss sabiex titnaqqas il-kumplessità tal-proċeduri;*** l-istabbiliment ta' limiti tal-emissjonijiet tal-partikoli tal-brejkijiet u limiti tal-brix għat-tipi ta' tajers ***f'konformità mal-metodu ta' ttestjar u l-limiti żviluppati fid-WP29 tan-NU***, kif ukoll rekwiżiti minimi tal-prestazzjoni***.*** Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti, u li dawk il-

| | |
|---|---|
| ***regoli speċjali għall-manifatturi ta' volum żgħir għal vetturi tal-kategoriji $M_2$, $M_3$, $N_2$, $N_3$***. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet isiru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[51]. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.<br>_________________<br>[51] ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1. | konsultazzjonijiet isiru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati. ***Jenħtieġ li l-Kummissjoni tadotta l-atti previsti f'dan il-paragrafu mhux aktar tard minn sena mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament jew tad-WFHVR tan-NU.***<br>_________________<br>[51] ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1. |

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (23) Fl-interess taċ-ċarezza, ir-razzjonalità u s-simplifikazzjoni, billi r-regoli dwar l-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet tal-vetturi bil-mutur u tal-magni, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi huma aġġornati u kollha jinsabu f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li r-Regolamenti eżistenti (KE) Nru 595/2009 u (KE) Nru 715/2007 jitħassru u jiġu ssostitwiti b'dan ir-Regolament. | (23) Fl-interess taċ-ċarezza, ir-razzjonalità u s-simplifikazzjoni, billi r-regoli dwar l-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet tal-vetturi bil-mutur u tal-magni, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi huma aġġornati u kollha jinsabu f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li r-Regolamenti eżistenti (KE) Nru 595/2009 u (KE) Nru 715/2007 jitħassru u jiġu ssostitwiti b'dan ir-Regolament ***ħlief l-annessi rilevanti tal-proċeduri ta' ttestjar***. |

**Emenda 27**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 25**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (25) Huwa importanti li l-Istati Membri, l-awtoritajiet nazzjonali tal-approvazzjoni tat-tip u l-operaturi ekonomiċi jingħataw biżżejjed żmien sabiex iħejju għall-applikazzjoni tar-regoli l-ġodda introdotti minn dan ir-Regolament. Għalhekk, jenħtieġ li d-data tal-applikazzjoni tiġi differita. Filwaqt li għall-vetturi ħfief, jenħtieġ li d-data tal-applikazzjoni tkun ***mill-aktar fis possibbli mil-lat tekniku***, għall-vetturi tqal u t-trejlers, id-data tal-applikazzjoni tista' tiddewwem aktar b'sena, minħabba li t-tranżizzjoni għal vetturi b'emissjonijiet żero se tkun itwal għall-vetturi tqal. | (25) Huwa importanti li l-Istati Membri, l-awtoritajiet nazzjonali tal-approvazzjoni tat-tip u l-operaturi ekonomiċi jingħataw biżżejjed żmien sabiex iħejju għall-applikazzjoni tar-regoli l-ġodda introdotti minn dan ir-Regolament. Għalhekk, jeħtieġ li d-data tal-applikazzjoni tiġi differita. Filwaqt li għall-vetturi ħfief, jenħtieġ li d-data tal-applikazzjoni tkun ***tliet snin mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni sekondarja***, għall-vetturi tqal u t-trejlers, id-data tal-applikazzjoni tista' tiddewwem aktar b'sena, minħabba li t-tranżizzjoni għal vetturi b'emissjonijiet żero ***u baxxi*** se tkun itwal għall-vetturi tqal. |

**Emenda 28**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 25a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(25a) Fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tar-regolament attwali, huwa kruċjali li jitqies l-effett fuq l-imġiba u l-kapaċità tal-konsumaturi li jixtru vetturi ħfief u tqal ġodda mmanifatturati fl-UE; Huwa ta' importanza kruċjali li jiġi ffaċilitat l-aċċess għal mobilità bi prezz raġonevoli u li jiġi limitat l-impatt negattiv possibbli fil-futur fuq l-impjiegi fis-settur tal-karozzi. Il-kostijiet tal-konformità regolatorja u l-kostijiet ta' aġġustament jenħtieġ li ma jiġux assorbiti mill-konsumatur finali post factum u jenħtieġ li ma jipperikolawx il-kompetittività tal-industrija tal-karozzi Ewropea.*** |

**Emenda 29**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 26**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (26) Billi l-objettivi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jiġu stabbiliti regoli armonizzati dwar ir-rekwiżiti tekniċi u amministrattivi għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi tal-kategoriji M u N, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati, kif ukoll dwar is-sorveljanza tas-suq ta' tali vetturi, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati, fir-rigward tal-emissjonijiet, ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed mill-Istati Membri, iżda minflok jistgħu, minħabba l-iskala u l-effetti tagħhom, jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-objettivi, | (26) Billi l-objettivi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jiġu stabbiliti regoli armonizzati dwar ir-rekwiżiti tekniċi u amministrattivi għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi tal-kategoriji M u N, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati, kif ukoll dwar is-sorveljanza tas-suq ta' tali vetturi, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati, fir-rigward tal-emissjonijiet***, kif ukoll li jiġu segwiti livelli għoljin ta' protezzjoni ambjentali u tas-saħħa***, ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed mill-Istati Membri, iżda minflok jistgħu, minħabba l-iskala u l-effetti tagħhom, jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-objettivi, |

**Emenda 30**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1 a. Ir-rekwiżiti tekniċi u d-dispożizzjonijiet amministrattivi stabbiliti b'dan ir-Regolament għall-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet u s-sorveljanza tas-suq ta' tajers manifatturati ġodda, għandhom jitqiesu flimkien mar-rekwiżiti tekniċi tat-tajers u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tar-Regolament (UE) 2019/2144 dwar is-Sikurezza Ġenerali.*** |

**Emenda 31**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Dan ir-Regolament ma għandux japplika għar-rekwiżiti dwar il-kundizzjonijiet u l-proċeduri tal-ittestjar għal sustanzi diġà regolati, għall-proċeduri tal-approvazzjoni tat-tip għal vetturi ħfief għall-passiġġieri, vetturi kummerċjali ħfief, vetturi bil-mutur u magni kif ukoll għal vetturi tqal tal-merkanzija u xarabanks. Ir-Regolament Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 6) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi u r-Regolament Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u magni fir-rigward tal-emissjonijiet minn vetturi heavy-duty (Euro VI) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi għandhom japplikaw b'mod indipendenti.*** |

**Emenda 32**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 2b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2b. Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli għar-rekwiżiti tal-metodoloġija ta' ttestjar fir-rigward ta' sustanzi regolati ġodda għall-proċeduri tal-approvazzjoni tat-tip għal vetturi ħfief tal-passiġġieri u vetturi ħfief kummerċjali u għal vetturi bil-mutur u magni fir-rigward tal-emissjonijiet minn vetturi tqal tal-*** |

***merkanzija u xarabanks. Din il-metodoloġija għandha tkun f'konformità ma' u testendi biss ir-Regolament Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 6) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi u r-Regolament Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u magni fir-rigward tal-emissjonijiet minn vetturi heavy-duty (Euro VI) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi u l-atti kollha relatati, implimentati u delegati.***

**Emenda 33**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) "approvazzjoni tat-tip tal-emissjonijiet inizjali" jew "IETA" tfisser l-ewwel fażi ta' proċedura tal-approvazzjoni tat-tip tal-emissjonijiet qabel ma jingħata ċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-emissjonijiet mill-awtoritajiet u jibdew jiġu prodotti l-vetturi; | (2) "approvazzjoni tat-tip tal-emissjonijiet inizjali" jew "IETA" tfisser l-ewwel fażi ta' proċedura tal-approvazzjoni tat-tip tal-emissjonijiet qabel ma jingħata ċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-emissjonijiet mill-awtoritajiet u jibdew jiġu prodotti l-vetturi***, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati***; |

**Emenda 34**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) "konformità waqt is-servizz" jew "ISC" tfisser l-attivitajiet imwettqa fuq vetturi fiċ-ċirkolazzjoni bl-iskop li jiġu | (4) ***Fil-kuntest ta' dan ir-Regolament,*** "konformità waqt is-servizz" jew "ISC" tfisser l-attivitajiet imwettqa fuq vetturi fiċ- |

| | |
|---|---|
| vverifikati r-rekwiżiti tad-durabbiltà stabbiliti f'dan ir-Regolament; | ċirkolazzjoni bl-iskop li jiġu vverifikati r-rekwiżiti tad-durabbiltà stabbiliti f'dan ir-Regolament; |

**Emenda 35**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) "emissjonijiet tal-egżost" tfisser l-emissjoni mit-tailpipe tal-vettura bil-mutur jew tal-magna ta' dawn kollha li ġejjin: $CO_2$, komposti gassużi, solidi***, likwidi*** u emissjonijiet mill-kaxxa tal-krank; | (7) "emissjonijiet tal-egżost" tfisser l-emissjoni mit-tailpipe tal-vettura bil-mutur jew tal-magna ta' dawn kollha li ġejjin: $CO_2$, komposti gassużi, solidi u emissjonijiet mill-kaxxa tal-krank; |

**Emenda 36**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) "ossidi tan-nitroġenu" jew "NOx" tfisser is-somma ***tal-ossidi tan-nitroġenu*** emessi mit-tailpipe; | (10) "ossidi tan-nitroġenu" jew "NOx" tfisser is-somma ***ta' NO u NO2*** emessi mit-tailpipe; |

**Emenda 37**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (11) "materja partikolata" jew "PM" tfisser kwalunkwe materjal emess mit-tailpipe jew mill-brejkijiet u miġbur fuq mezz ta' filtru; | (11) "materja partikolata" jew "PM" tfisser kwalunkwe materjal emess mit-tailpipe jew mill-brejkijiet u miġbur fuq mezz ta' filtru ***f'konformità mal-proċedura preskritta f'dan ir-Regolament***; |

**Emenda 38**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (14) "numru ta' partikoli ta' ***aktar minn*** 10 nm" jew "$PN_{10}$" tfisser in-numru totali ta' partikoli solidi emessi mit-tailpipe jew mill-brejkijiet ***li għandhom dijametru ta' 10 nm jew akbar***; | (14) "numru ta' partikoli ta' 10 nm" jew "$PN_{10}$" tfisser in-numru totali ta' partikoli solidi ***b'limitu nominali ta' 10 nm*** emessi mit-tailpipe jew mill-brejkijiet ***imkejla skont id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament***; |

**Emenda 39**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (17) "idrokarburi totali" jew "THC" tfisser l-idrokarburi totali emessi mit-tailpipe; | (17) "idrokarburi totali" jew "THC" tfisser l-idrokarburi totali emessi mit-tailpipe ***kif imkejjel skont dan ir-Regolament***; |

**Emenda 40**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt 18**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (18) "idrokarburi mhux metaniċi" jew "***NHMC***" tfisser l-idrokarburi totali emessi mill-iżbokk tal-egżost, minbarra metan; | (18) "idrokarburi mhux metaniċi" jew "***NMHC***" tfisser l-idrokarburi totali emessi mill-iżbokk tal-egżost, minbarra metan; |

**Emenda 41**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt 24**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (24) "għodda għall-kalkolu tal-konsum tal-enerġija tal-vettura" jew "VECTO" tfisser għodda ta' simulazzjoni użata għad- | (24) "għodda għall-kalkolu tal-konsum tal-enerġija tal-vettura" jew "VECTO" tfisser għodda ta' simulazzjoni użata għad- |

| | |
|---|---|
| determinazzjoni tal-emissjonijiet tas-$CO_2$, il-konsum tal-fjuwil, il-konsum tal-enerġija elettrika u l-awtonomija elettrika minn vetturi tqal; ***"konsum tal-enerġija" tfisser il-konsum tal-enerġija elettrika minn kull wieħed mis-sorsi ta' propulsjoni kollha fi ħdan vettura;*** | determinazzjoni tal-emissjonijiet tas-$CO_2$, il-konsum tal-fjuwil, il-konsum tal-enerġija elettrika u l-awtonomija elettrika minn vetturi tqal; |

**Emenda 42**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt 24a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(24a) "konsum tal-enerġija" tfisser il-konsum tal-enerġija elettrika minn kull wieħed mis-sorsi ta' propulsjoni kollha fi ħdan vettura;*** |

**Emenda 43**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt 28**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (28) "emissjonijiet ta' partikoli tal-brejkijiet" ***tfisser il-partikoli emessi mis-sistema tal-brejkijiet ta' vettura***; | (28) "emissjonijiet ta' partikoli tal-brejkijiet" ***huma definiti f'konformità mad-WFHVR tan-NU***; |

**Emenda 44**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt 29**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (29) "brix tat-tajers" ***tfisser il-massa ta' materjal mitluf mit-tajer minħabba l-proċess tal-brix u emess fl-ambjent***; | (29) "brix tat-tajers" ***hija definita skont id-WFHVR tan-NU***; |

**Emenda 45**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt 34**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (34) "sistemi oriġinali għall-kontroll tat-tniġġis" tfisser sistema għall-kontroll tat-tniġġis jew assemblaġġ ta' tali sistemi koperti mill-approvazzjoni tat-tip mogħtija għall-vettura kkonċernata; | (34) "sistemi oriġinali għall-kontroll tat-tniġġis" tfisser sistema għall-kontroll tat-tniġġis jew assemblaġġ ta' tali sistemi koperti mill-approvazzjoni tat-tip mogħtija għall-vettura kkonċernata ***u installati fuq il-vettura fid-data tal-ewwel reġistrazzjoni tagħha***; |

**Emenda 46**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt 36**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(36) "funzjoni ta' kontroll adattiva" tfisser sistema li taġġusta l-magna, is-sistemi għall-kontroll tat-tniġġis jew parametri oħrajn tal-vettura bl-iskop li ttejjeb il-konsum tal-fjuwil jew tal-enerġija u l-effettività tas-sistema għall-kontroll tat-tniġġis abbażi tal-użu mistenni tal-vettura;*** | ***imħassar*** |

**Emenda 47**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt 37**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (37) "sistema dijanjostika abbord" jew "OBD" tfisser ***sistema li tista' tiġġenera informazzjoni dwar is-sistema dijanjostika abbord il-vettura (OBD), kif definita fl-Artikolu 3, il-punt 49, tar-Regolament (UE) 2018/858 u*** li tkunkapaċi tikkomunika dik l-informazzjoni permezz tal-port OBD u ***fuq l-arja***; | (37) ***Fil-kuntest ta' dan ir-Regolament,*** "sistema dijanjostika abbord" jew "OBD" tfisser ***sistema abbord il-vettura li għandha l-kapaċità li tidentifika ħsarat fis-sistemi ta' kontroll tal-emissjonijiet immonitorjati, tidentifika ż-żona probabbli ta' ħsara permezz ta' kodiċijiet tal-ħsara maħżuna fil-memorja tal-kompjuter, u tindika l-okkorrenza tagħha permezz ta' sistema ta' twissija u*** li tkun |

kapaċi tikkomunika dik l-informazzjoni permezz tal-port OBD u ***għall-finijiet tal-Affidabbiltà stradali u tal-kontrolli tekniċi, kif ukoll għall-fini ta' proċeduri ta' inċitament***;

**Emenda 48**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt 38**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (38) "sistema ta' monitoraġġ abbord" jew "OBM" tfisser sistema abbord vettura li tkun kapaċi ***tindividwa eċċedenzi tal-emissjonijiet jew meta vettura tkun f'modalità ta' emissjonijiet żero, jekk applikabbli, u li tkun kapaċi tindika l-okkorrenza ta' tali eċċedenzi permezz ta' informazzjoni maħżuna fil-vettura,*** u li tikkomunika dik l-informazzjoni permezz tal-port OBD ***u fuq l-arja***; | (38) "sistema ta' monitoraġġ abbord" jew "OBM" tfisser sistema abbord vettura li tkun kapaċi ***timmonitorja l-emissjonijiet taħt il-kunsiderazzjoni tat-tolleranza tal-kejl tal-OBM*** u li tikkomunika dik l-informazzjoni permezz tal-port OBD ***kif ukoll għall-finijiet tal-Affidabbiltà stradali u tal-kontrolli tekniċi***; |

**Emenda 49**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt 39**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (39) "apparat ta' monitoraġġ abbord tal-konsum tal-fjuwil u tal-enerġija" jew "apparat OBFCM" tfisser kwalunkwe software jew hardware li jħoss u juża parametri tal-vettura, tal-magna, tal-fjuwil jew tal-enerġija elettrika u tat-tagħbija utli/tal-massa sabiex jiddetermina, jaħżen fil-vettura data dwar il-konsum tal-fjuwil u tal-enerġija u parametri oħrajn rilevanti għad-determinazzjoni tal-konsum tal-fjuwil jew tal-enerġija u l-effiċjenza enerġetika tal-vettura; | (39) "apparat ta' monitoraġġ abbord tal-konsum tal-fjuwil u tal-enerġija" jew "apparat OBFCM" tfisser kwalunkwe software jew hardware li jħoss u juża parametri tal-vettura, tal-magna, tal-fjuwil jew tal-enerġija elettrika u tat-tagħbija utli/tal-massa sabiex jiddetermina, jaħżen fil-vettura data dwar il-konsum tal-fjuwil u tal-enerġija u parametri oħrajn rilevanti għad-determinazzjoni tal-konsum tal-fjuwil jew tal-enerġija u l-effiċjenza enerġetika tal-vettura ***kif ukoll għall-finijiet tal-kontrolli tal-Aiffidabbiltà stradali***; |

**Emenda 50**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt 39a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(39a) "miżuri ta' inċitament" tfisser il-miżuri kollha wara l-okkorrenza ripetuta ta' eċċessi tal-emissjonijiet immonitorjati mis-sistema ta' OBM; dawk il-miżuri jinkludu s-sistema ta' twissija tas-sewqan, l-emissjonijiet awtoriparatorji, l-għoti ta' informazzjoni lill-awtorità tal-Affidabbiltà stradali, iżda ma jridux jinkludu miżuri li jipperikolaw is-sikurezza fit-toroq jew jillimitaw il-mobilità;*** |

**Emenda 51**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt 42**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (42) "emissjonijiet f'sewqan reali" jew "RDE" tfisser l-emissjonijiet ta' vettura f'kundizzjonijiet normali tas-sewqan u ***f'kundizzjonijiet*** estiżi kif speċifikati ***fit-Tabelli 1 u 2 tal-Anness III***; | (42) "emissjonijiet f'sewqan reali" jew "RDE" tfisser l-emissjonijiet ta' vettura f'kundizzjonijiet normali tas-sewqan u ***massimu ta' waħda mill-kundizzjonijiet*** estiżi kif speċifikati ***fl-annessi rilevanti fir-Regolament (UE) 2017/1151 u fir-Regolament (UE) Nru 582/2011 u fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 595/2009***; |

**Emenda 52**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt 57a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(57a) "vettura bi fjuwil newtrali għas-CO2" jew "CNCEV" tfisser vettura ħafifa jew tqila mgħammra b'magna tal-kombustjoni li taħdem esklużivament bi*** |



MT

| | |
|---|---|
| | ***fjuwil newtrali għas-CO2.*** |

**Emenda 53**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt 57b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(57b) "Fjuwil Newtrali għas-CO2" tfisser il-fjuwils kollha li jiksbu bilanċ bejn l-emissjonijiet tas-CO2 matul iċ-ċiklu tal-ħajja u t-tneħħija tagħhom u li b'hekk ma jipproduċu l-ebda emissjoni ta' gassijiet serra netti jew impronta tal-karbonju, kif ukoll jikkonformaw mal-prinċipju tal-innovazzjoni, in-newtralità teknoloġika u l-kriterji ta' sostenibbiltà tad-Direttiva 2018/2001 u l-atti delegati assoċjati.*** |

**Emenda 54**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt 57c (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(57c) "Fattur ta' Korrezzjoni tal-Karbonju (CCF)" tfisser fattur li japplika korrezzjoni għall-emissjonijiet tas-$CO_2$mit-tailpipe tal-vetturi għall-valutazzjoni tal-konformità, biex jiġu riflessi l-intensità tal-emissjonijiet u s-sehem tal-fjuwils newtrali għas-CO2;*** |

**Emenda 55**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt 58**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(58) "teknoloġiji tal-geofencing" tfisser teknoloġiji li ma jippermettux li vettura*** | ***imħassar*** |

***ibrida taħdem bl-użu tal-magna ta' kombustjoni interna (jiġifieri sabiex tkun permessa modalità b'emissjonijiet żero) meta l-vettura tinstaq f'żona ġeografika speċifika;***

**Emenda 56**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt 61**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (61) "potenza tar-rota" tfisser il-potenza ***mkejla fir-roti*** ta' vettura u li tintuża għall-propulsjoni tagħha; | (61) "potenza tar-rota" tfisser il-potenza ***ddeterminata skont dan ir-Regolament, li għandha titwassal fid-diski tar-roti*** ta' vettura u li tintuża għall-propulsjoni tagħha; |

**Emenda 57**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt 62**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (62) "proporzjon potenza-massa" tfisser il-proporzjon tal-potenza nominali ***għall-massa fi stat ta' tħaddim***; | (62) "proporzjon potenza-massa" tfisser il-proporzjon tal-potenza nominali ***għall-massa massima mgħobbija teknikament permissibbli (TPMLM) kif definit fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2021/535***; |

**Emenda 58**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt 67**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (67) "medda b'emissjonijiet żero" tfisser id-distanza massima li tista' tivvjaġġa vettura b'emissjonijiet żero sakemm tiġi eżawrita l-batterija tat-trazzjoni jew it-tank tal-fjuwil, li għall-PEVs tikkorrispondi għall-awtonomija elettrika; | (67) "medda b'emissjonijiet żero" tfisser id-distanza massima li tista' tivvjaġġa vettura ***f'modalità*** b'emissjonijiet żero sakemm tiġi eżawrita l-batterija tat-trazzjoni jew it-tank tal-fjuwil, li għall-PEVs tikkorrispondi għall-awtonomija |

elettrika;

**Emenda 59**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt 69**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (69) “durabbiltà tal-batterija” tfisser id-durabbiltà ta’ batterija tat-trazzjoni mkejla f’termini tal-Istat ***tas-Saħħa*** tagħha; | (69) “durabbiltà tal-batterija ***(fil-vettura)***” tfisser id-durabbiltà ta’ batterija tat-trazzjoni mkejla f’termini tal-Istat ***tal-Enerġija Ċertifikata (SOCE) u l-Istat tal-Medda Ċertifikata (SOCR)*** tagħha; |

**Emenda 60**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt 70**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (70) “stat ***tas-saħħa” jew “SOH” tfisser*** l-istat imkejjel jew stmat ta’ metrika ta’ prestazzjoni speċifika ta’ vettura jew batterija tat-trazzjoni f’punt speċifiku fil-ħajja tagħha, espress bħala perċentwal tal-prestazzjoni li ġiet iddeterminata meta ċċertifikata jew ġdida; | (70) “stat ***tal-firxa ċċertifikata” jew “SOCR” u “stat tal-enerġija ċċertifikata” jew “SOCE” jfissru*** l-istat imkejjel jew stmat ta’ metrika ta’ prestazzjoni speċifika ta’ vettura ***(firxa elettrika)*** jew batterija tat-trazzjoni***(enerġija)*** f’punt speċifiku fil-ħajja tagħha, espress bħala perċentwal tal-prestazzjoni li ġiet iddeterminata meta ċċertifikata jew ġdida; |

**Emenda 61**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt 71**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (71) “passaport ambjentali ta’ vettura” jew “EVP” tfisser rekord fuq karta u f’forma diġitali li jkun fih informazzjoni dwar il-prestazzjoni ambjentali ta’ vettura fil-mument tar-reġistrazzjoni, ***inkluż il-livell*** tal-limiti tal-emissjonijiet ta’ | (71) “passaport ambjentali ta’ vettura” jew “EVP” tfisser rekord ***aġġornat*** fuq karta u f’forma diġitali li jkun fih informazzjoni dwar il-prestazzjoni ambjentali ta’ vettura fil-mument tar-reġistrazzjoni ***u matul il-ħajja tagħha. L-*** |

| | |
|---|---|
| inkwinanti, l-emissjonijiet ***tas-$CO_2$***, il-konsum tal-fjuwil, il-konsum tal-enerġija, l-awtonomija elettrika u l-potenza tal-magna, ***u d-durabbiltà*** tal-batterija u valuri relatati oħrajn; | ***EVP jinkludi l-livell*** tal-limiti tal-emissjonijiet ta' inkwinanti, l-emissjonijiet ***tas-CO2 li qegħdin jintużaw***, il-konsum tal-fjuwil, il-konsum tal-enerġija, l-awtonomija elettrika u l-potenza tal-magna, ***id-durabbiltà u l-istat tas-saħħa*** tal-batterija u valuri relatati oħrajn; |

**Emenda 62**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt 75**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (75) "dikjarazzjoni ta' konformità" tfisser dikjarazzjoni mill-manifattur li tip jew grupp speċifiku ta' vetturi, komponent jew unità teknika separata jkun konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-regolament | (75) "dikjarazzjoni ta' konformità" tfisser dikjarazzjoni mill-manifattur li tip jew grupp speċifiku ta' vetturi, komponent jew unità teknika separata jkun konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-regolament***;*** |

**Emenda 63**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt 75a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(75a) "użu standard" - mod standard ta' sewqan, riforniment u manutenzjoni ta' vettura;*** |

**Emenda 64**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt 77**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(77) "tajer tal-borra" tfisser tajer li d-disinn tat-tread, il-kompożizzjoni tat-tread jew l-istruttura tiegħu huma primarjament iddisinjati sabiex huwa jikseb f'kundizzjonijiet ta' borra prestazzjoni aħjar minn dik ta' tajer*** | ***imħassar*** |

***normali fir-rigward tal-kapaċità tiegħu li jibda jew iżomm il-moviment tal-vettura;***

**Emenda 65**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt 78**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(78) "tajer għal użu speċjali" tfisser tajer maħsub għal użu mħallat kemm fit-triq kif ukoll off-road jew għal xogħol speċjali ieħor. Dawn it-tajers huma primarjament iddisinjati sabiex jibdew u jżommu l-vettura miexja f'kundizzjonijiet off-road.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 66**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li l-vetturi l-ġodda li jimmanifatturaw, li jinbiegħu, jiġu rreġistrati jew jitqiegħdu fis-servizz fl-Unjoni, ikollhom it-tip approvat f'konformità ma' dan ir-Regolament. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li l-komponenti l-ġodda jew l-unitajiet tekniċi separati, inklużi l-magni, il-batteriji tat-trazzjoni, is-sistemi tal-brejkijiet u s-sistemi ta' sostituzzjoni għall-kontroll tat-tniġġis li jeħtieġu l-approvazzjoni tat-tip ***li jimmanifatturaw u li jinbiegħu jew jitqiegħdu fis-servizz fl-Unjoni*** jkollhom it-tip approvat f'konformità ma' dan ir-Regolament | 1. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li l-vetturi l-ġodda li jimmanifatturaw ***wara d-dati previsti fl-Artikolu 20***, li jinbiegħu, jiġu rreġistrati jew jitqiegħdu fis-servizz fl-Unjoni, ikollhom it-tip approvat f'konformità ma' dan ir-Regolament. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li l-komponenti l-ġodda jew l-unitajiet tekniċi separati, inklużi l-magni, il-batteriji tat-trazzjoni, is-sistemi tal-brejkijiet u s-sistemi ta' sostituzzjoni għall-kontroll tat-tniġġis li jeħtieġu l-approvazzjoni tat-tip ***maħsuba għall-vetturi msemmija fil-Paragrafu 1*** jkollhom it-tip approvat f'konformità ma' dan ir-Regolament ***inkluża l-konformità mal-limiti tal-emissjonijiet stabbiliti fl-Anness I u skont il-kundizzjonijiet tal-Anness III għas-sustanzi l-ġodda u skont l-annessi rilevanti fir-Regolament (UE) 2017/1151, ir-Regolament (UE) 582/2011 u l-Artikolu*** |

| | |
|---|---|
| | ***4 tar-Regolament (KE) 595/2009 għas-sustanzi diġà regolati.*** |

**Emenda 67**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-manifatturi għandhom jiddisinjaw, jibnu u jimmuntaw il-vetturi sabiex jikkonformaw ma' dan ir-Regolament, inkluż billi jikkonformaw mal-limiti tal-emissjonijiet stabbiliti fl-Anness I u jirrispettaw ***il-valuri ddikjarati fiċ-ċertifikat ta' konformità u fid-dokumentazzjoni tal-approvazzjoni*** tat-tip għat-tul tal-ħajja tal-vettura kif stabbilit fit-Tabella 1 tal-Anness IV. Dawn il-vetturi għandhom jiġu ddeżinjati bħala vetturi "Euro 7". | 2. Il-manifatturi għandhom jiddisinjaw, jibnu u jimmuntaw il-vetturi sabiex jikkonformaw ma' dan ir-Regolament, inkluż billi jikkonformaw mal-limiti tal-emissjonijiet stabbiliti fl-Anness I u ***l-kundizzjonijiet tal-Anness III għas-sustanzi l-ġodda u l-annessi rilevanti fir-Regolament (UE) 2017/1151, ir-Regolament (UE) 582/2011 u l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) 595/2009 għal sustanzi diġà regolati u*** jirrispettaw ***l-approvazzjoni*** tat-tip għat-tul tal-ħajja tal-vettura kif stabbilit fit-Tabella 1 tal-Anness IV. Dawn il-vetturi għandhom jiġu ddeżinjati bħala vetturi "Euro 7". |

**Emenda 68**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 3 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Meta tiġi vverifikata l-konformità mal-limiti tal-emissjonijiet tal-egżost, fejn l-ittestjar isir ***f'kundizzjonijiet*** ta' sewqan estiżi, l-emissjonijiet għandhom jiġu diviżi bid-diviżur tas-sewqan estiż stabbilit ***fl-Anness III***. | Meta tiġi vverifikata l-konformità mal-limiti tal-emissjonijiet tal-egżost, fejn l-ittestjar isir ***f'massimu ta' waħda mill-kundizzjonijiet*** ta' sewqan estiżi ***fl-istess ħin***, l-emissjonijiet għandhom jiġu diviżi bid-diviżur tas-sewqan estiż stabbilit ***fl-annessi rilevanti fir-Regolament (UE) 2017/1151 u fir-Regolament (UE) 582/2011 u fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) 595/2009***. |

**Emenda 69**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Il-manifatturi għandhom jiddisinjaw u jibnu komponenti jew unitajiet tekniċi separati, inklużi magni, batteriji tat-trazzjoni, sistemi tal-brejkijiet u sistemi ta' sostituzzjoni għall-kontroll tat-tniġġis sabiex jikkonformaw ma' dan ir-Regolament, inkluż billi jikkonformaw mal-limiti tal-emissjonijiet stabbiliti fl-Anness I. | 4. Il-manifatturi għandhom jiddisinjaw u jibnu komponenti jew unitajiet tekniċi separati ***li għandhom jiġu installati fuq vetturi Euro** 7*, inklużi magni, batteriji tat-trazzjoni, sistemi tal-brejkijiet u sistemi ta' sostituzzjoni għall-kontroll tat-tniġġis sabiex jikkonformaw ma' dan ir-Regolament, inkluż billi jikkonformaw mal-limiti tal-emissjonijiet stabbiliti fl-Anness I ***u l-kundizzjonijiet tal-ittestjar tal-Anness III għas-sustanzi l-ġodda u skont l-annessi rilevanti fir-Regolament (UE) 2017/1151 u r-Regolament (UE) Nru 582/2011 u l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) 595/2009 għal sustanzi diġà regolati***. |

**Emenda 70**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Il-manifatturi ma għandhomx jiddisinjaw, jibnu u jimmuntaw il-vetturi b'apparat ta' manipulazzjoni jew bi strateġiji ta' manipulazzjoni. | 5. Il-manifatturi ma għandhomx jiddisinjaw, jibnu u jimmuntaw il-vetturi b'apparat ta' manipulazzjoni jew bi strateġiji ta' manipulazzjoni ***u lanqas ma għandhom jagħmlu dan il-fornituri tat-tagħmir oriġinali li jipprovdu partijiet u komponenti lill-manifatturi, filwaqt li jirrispettaw il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-kompetizzjoni***. |

**Emenda 71**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 6 – punt a**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (a) ***sistemi*** OBD ***li kapaċi jindividwaw sistemi li ma jaħdmux tajjeb li jwasslu għal eċċedenzi tal-emissjonijiet sabiex jiffaċilitaw it-tiswijiet***; | (a) OBD; |

**Emenda 72**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 6 – punt b**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (b) ***sistemi*** OBM ***li kapaċi jindividwaw emissjonijiet 'il fuq mil-limiti tal-emissjonijiet minħabba ħsarat, degradazzjoni akbar jew sitwazzjonijiet oħrajn li jżidu l-emissjonijiet***; | (b) OBM***, ħlief Manifatturi ta' Volumi Żgħar u ta' Volumi Żgħar Ħafna***; |

**Emenda 73**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 6 – punt c**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (c) ***apparat tal-OBFCM li jimmonitorja l-konsum tal-fjuwil u tal-enerġija tagħhom f'kundizzjonijiet reali u parametri rilevanti oħrajn, bħat-tagħbija utli jew il-massa, li huma meħtieġa sabiex tiġi ddeterminata l-effiċjenza tagħhom fl-użu tal-fjuwil u tal-enerġija f'kundizzjonijiet reali***; | (c) ***OBFCM***; |

**Emenda 74**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 6 – punt d**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (d) ***monitors SOH tal-batterija tat-*** | (d) ***sistemi SOCE u SOCR***; |

*trazzjoni u tas-sistemi tal-emissjonijiet*;

**Emenda 75**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 6 – punt g**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (g) apparati li jikkomunikaw data ġġenerata mill-vettura użata għall-konformità ma' dan ir-regolament u data tal-OBFCM, għall-fini ta' testijiet perjodiċi tal-affidabbiltà stradali u spezzjoni teknika mal-ġenb tat-triq ***fuq l-arja***, u għall-finijiet ta' komunikazzjoni ma' infrastruttura tal-irriċarġjar u ma' sistemi tal-enerġija stazzjonarji li kapaċi jappoġġaw funzjonalitajiet tal-irriċarġjar intelliġenti u bidirezzjonali. | (g) apparati li jikkomunikaw data ġġenerata ***flimkien man-numru tal-approvazzjoni u l-varjant tal-approvazzjoni tat-tip*** mill-vettura użata għall-konformità ma' dan ir-regolament u data tal-OBFCM, għall-fini ta' testijiet perjodiċi tal-affidabbiltà stradali u spezzjoni teknika mal-ġenb tat-triq ***[...]***, u għall-finijiet ta' komunikazzjoni ma' infrastruttura tal-irriċarġjar u ma' sistemi tal-enerġija stazzjonarji li kapaċi jappoġġaw funzjonalitajiet tal-irriċarġjar intelliġenti u bidirezzjonali ***u għall-provvista ta' servizzi ta' partijiet terzi lill-utent tal-vettura sabiex jittejjeb l-użu tal-vettura, jiġu limitati l-konsum tal-enerġija tal-vettura, l-emissjonijiet tagħha jew tiġi estiża l-ħajja tal-batterija tagħha li qiegħda tintuża***. |

**Emenda 76**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Il-manifattur għandu jipprevjeni l-possibbiltà li jiġu sfruttati l-vulnerabbiltajiet imsemmija fil-paragrafu 7. Meta tinstab tali vulnerabbiltà, il-manifattur għandu ***jneħħi*** l-vulnerabbiltà, permezz ta' aġġornament tas-software jew kwalunkwe mezz xieraq ieħor. | 8. Il-manifattur għandu jipprevjeni l-possibbiltà li jiġu sfruttati l-vulnerabbiltajiet imsemmija fil-paragrafu 7***, abbażi ta' teknoloġija tal-ogħla livell fiż-żmien tal-approvazzjoni tat-tip***. Meta tinstab tali vulnerabbiltà, il-manifattur għandu ***jieħu miżuri biex ineħħi*** l-vulnerabbiltà, permezz ta' aġġornament tas-software jew kwalunkwe mezz xieraq ieħor. |

**Emenda 77**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***10. Il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, regoli dettaljati dwar il-proċeduri, it-testijiet u l-metodoloġiji sabiex tivverifika l-konformità mar-rekwiżiti stipulati fil-paragrafi 1 sa 9. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 17(2).*** | ***imħassar*** |

**Emenda 78**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***1. Il-manifatturi jistgħu jiddeżinjaw il-vetturi li jimmanifatturaw bħala "vettura Euro 7+" fejn dawk il-vetturi jikkonformaw ma' dawn li ġejjin:***<br>***(a) għall-ICEV u l-NOVC-HEV billi tiġi ddikjarata l-konformità ma' limiti tal-emissjonijiet mill-anqas 20 % aktar baxxi minn dawk stabbiliti fl-Anness I għall-inkwinanti gassużi u ma' limiti tal-emissjonijiet ta' daqs wieħed aktar baxx għall-emissjonijiet tan-numru ta' partikoli;***<br>***(b) għall-OVC-HEV billi tiġi ddikjarata l-konformità ma' limiti tal-emissjonijiet mill-anqas 20 % aktar baxxi minn dawk stabbiliti fl-Anness I għall-inkwinanti gassużi, ma' limiti tal-emissjonijiet ta' daqs wieħed aktar baxx għall-emissjonijiet tan-numru ta' partikoli u ma' durabbiltà tal-batterija li tkun mill-anqas 10 punti perċentwali ogħla mir-*** | ***imħassar*** |

***rekwiżiti stabbiliti fl-Anness II;***

***(c) għall-PEV billi tiġi ddikjarata d-durabbiltà tal-batterija li tkun mill-anqas 10 punti perċentwali ogħla mir-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness II.***

**Emenda 79**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Il-manifatturi jistgħu jiddeżinjaw vetturi bħala "vettura Euro 7 NF" meta dawk il-vetturi jitħaddmu bi Fjuwils Newtrali għas-CO2, jew esklussivament jew bħala taħlita ta' Fjuwils konvenzjonali u Newtrali għas-CO2, matul il-ħajja tal-vettura. Fil-każ tal-użu esklużiv ta' Fjuwils Newtrali għas-CO2, l-emissjonijiet tas-CO2 jitqiesu żero għall-fini tar-regolament [standards tal-emissjonijiet tas-CO2 għall-karozzi u l-vannijiet] u r-regolament [standards tal-emissjonijiet tas-CO2 għall-vetturi tqal]. Fil-każ tal-użu ta' taħlita ta' Fjuwils konvenzjonali u Newtrali għas-CO2, l-emissjonijiet tas-CO2 għall-fini tar-regolament [l-istandards tal-emissjonijiet tas-CO2 għall-karozzi u l-vannijiet] u r-regolament [l-istandards tal-emissjonijiet tas-CO2 għall-vetturi tqal] huma rregolati permezz tal-Fattur ta' Korrezzjoni tal-Karbonju.*** |

**Emenda 80**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***2. Il-konformità ta' dawn il-vetturi mar-rekwiżiti taħt il-paragrafu 1 għandha*** | ***imħassar*** |

*tiġi vverifikata mal-valuri ddikjarati.*

**Emenda 81**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***2a. Il-manifatturi jistgħu jiddeżinjaw PEVs bħala "vettura Euro 7E" meta dawk il-vetturi huma omologati b'effiċjenza WLTP bejn 0 u 160 Wh/km.*** |

**Emenda 82**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| ***3. Il-manifatturi jistgħu jiddeżinjaw il-vetturi bħala "vettura Euro 7A" meta dawk il-vetturi jkunu mgħammra b'funzjonijiet ta' kontroll adattivi. L-użu ta' funzjonijiet ta' kontroll adattivi għandu jintwera lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip matul l-approvazzjoni tat-tip u jiġi vverifikat matul il-ħajja tal-vettura kif stabbilit fit-Tabella 1 tal-Anness IV.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 83**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| ***4. Il-manifatturi jistgħu jiddeżinjaw vetturi bħala "vettura Euro 7G" meta dawk il-vetturi jkunu mgħammra b'magni ta' kombustjoni interna b'teknoloġiji ta' geofencing. Il-manifattur għandu jinstalla sistema ta' twissija għas-sewwieq*** | ***imħassar*** |

***fuq dawk il-vetturi sabiex jinforma lill-utent meta l-batteriji tat-trazzjoni jkunu kważi vojta u sabiex iwaqqaf il-vettura jekk ma tkunx ġiet iċċarġjata f'distanza ta' 5 km mill-ewwel twissija waqt li tkun fuq modalità b'emissjonijiet żero. L-applikazzjoni ta' tali teknoloġiji tal-geofencing tista' tiġi vverifikata matul il-ħajja tal-vettura.***

**Emenda 84**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***5. Il-manifatturi jistgħu jibnu vetturi li jikkombinaw tnejn jew aktar mill-karatteristiċi msemmija fil-paragrafi 1, 2 jew 3 u jiddeżinjawhom bl-użu ta' kombinament ta' simboli u ittri bħal vetturi "Euro 7+A", "Euro 7+G", "Euro 7+AG" jew "Euro 7AG".*** | ***imħassar*** |

**Emenda 85**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***6. Fuq talba tal-manifattur, għal vetturi $N_2$ b'massa massima ta' bejn 3,5 u 4,0 tunnellati li toriġina minn tip ta' vettura $N_1$, l-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip tista' tagħti approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet għat-tip ta' vettura $N_1$. Tali vetturi għandhom jiġu ddeżinjati bħala "vettura Euro 7ext".*** | ***imħassar*** |

**Emenda 86**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***7. Il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, regoli dettaljati dwar il-proċeduri, it-testijiet u l-metodoloġiji sabiex tivverifika l-konformità mar-rekwiżiti stipulati fil-paragrafi 1 sa 6. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 17(2).*** | ***imħassar*** |

**Emenda 87**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li l-vetturi li jimmanifatturaw, li jinbiegħu, jiġu rreġistrati jew jitqiegħdu fis-servizz fl-Unjoni, jikkonformaw mal-limiti tal-emissjonijiet stabbiliti fl-Anness I meta misjuqa taħt il-kundizzjonijiet tas-sewqan normali u estiżi kif stabbilit fl-Anness III, għat-tul tal-ħajja tal-vettura kif stabbilit fit-Tabella 1 tal-Anness IV, u jikkonformaw mar-rekwiżiti minimi ta' prestazzjoni dwar id-durabbiltà tal-batterija kif stabbilit fl-Anness II. | 1. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li l-vetturi li jimmanifatturaw ***wara d-dati previsti fl-Artikolu 20***, li jinbiegħu, jiġu rreġistrati jew jitqiegħdu fis-servizz fl-Unjoni, jikkonformaw mal-limiti tal-emissjonijiet stabbiliti fl-Anness I meta misjuqa taħt il-kundizzjonijiet tas-sewqan normali u estiżi kif stabbilit fl-Anness III ***għal sustanzi regolati ġodda u fl-annessi rilevanti fir-Regolament (UE) 2017/1151 u fir-Regolament (UE) 582/2011 u fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) 595/2009 għal sustanzi diġà regolati u b'rispett għall-użu standard tal-vettura***, għat-tul tal-ħajja tal-vettura kif stabbilit fit-Tabella 1 tal-Anness IV, u jikkonformaw mar-rekwiżiti minimi ta' prestazzjoni dwar id-durabbiltà tal-batterija kif stabbilit fl-Anness II. |

**Emenda 88**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 2**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| 2. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li ***dawn il-vetturi jikkonformaw*** mal-valuri rigward l-emissjonijiet tas-$CO_2$, il-konsum tal-fjuwil u tal-enerġija u l-effiċjenza enerġetika ddikjarati skont id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għat-tul tal-ħajja tal-vettura kif stabbilit fl-Anness IV, it-Tabella 1. | 2. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li ***l-kostruzzjoni teknoloġika tal-vetturi tikkonforma*** mal-valuri rigward l-emissjonijiet tas-$CO_2$, il-konsum tal-fjuwil u tal-enerġija u l-effiċjenza enerġetika ddikjarati skont id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għat-tul tal-ħajja tal-vettura kif stabbilit fl-Anness IV, it-Tabella 1 ***fil-każ ta' użu standard ta' din il-vettura***. |

**Emenda 89**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 3**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| 3. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li ***l-apparati*** tal-OBFCM, ***tal-OBD*** u ***tal-OBM*** u l-miżuri kontra t-tbagħbis installati f'dawn il-vetturi jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ***ta' dan ir-Regolament sakemm il-vettura tkun qiegħda tintuża***. | 3. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li ***l-apparat*** tal-OBFCM, ***l-OBD*** u ***l-OBM*** u l-miżuri kontra t-tbagħbis installati f'dawn il-vetturi ***ma għandhomx jiġu diżattivati u għandhom*** jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ***kif stabbiliti fit-tabella 1 tal-Anness IV***. |

**Emenda 90**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 6 – parti introduttorja**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| 6. Is-sistemi tal-OBM installati mill-manifattur f'dawn il-vetturi għandhom ikunu kapaċi ***jagħmlu dawn kollha li ġejjin***: | 6. Is-sistemi tal-OBM installati mill-manifattur f'dawn il-vetturi għandhom ikunu kapaċi: |

**Emenda 91**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 6 – punt a**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (a) jirreġistraw id-daqs u d-durata tal-eċċedenzi kollha tal-emissjonijiet; | (a) jirreġistraw id-daqs u d-durata ***tal-avvenimenti*** tal-eċċedenzi kollha tal-emissjonijiet ***f'konformità ma' dan ir-Regolament***; |

**Emenda 92**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 6 – punt b**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (b) jikkomunikaw id-data dwar l-imġiba tal-emissjonijiet tal-vettura, inklużi s-sensur tal-inkwinanti u d-data dwar il-fluss tal-egżost, permezz tal-port OBD ***u fuq l-arja***, inkluż għall-fini ta' testijiet tal-affidabbiltà stradali u spezzjonijiet tekniċi mal-ġenb tat-triq[55] ,[56]; | (b) jikkomunikaw id-data ***rilevanti*** dwar l-imġiba tal-emissjonijiet tal-vettura, inklużi s-sensur tal-inkwinanti u d-data dwar il-fluss tal-egżost, permezz tal-port OBD, inkluż għall-fini ta' testijiet tal-affidabbiltà stradali u spezzjonijiet tekniċi mal-ġenb tat-triq[55] ,[56]; |
| [55] Id-Direttiva 2014/47/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-ispezzjonijiet tekniċi waqt it-traġitt tal-affidabilità stradali ta' vetturi kummerċjali li jiċċirkolaw fl-Unjoni u li tirrevoka d-Direttiva 2000/30/KE (ĠU L 127, 29.4.2014, p. 134). | [55] Id-Direttiva 2014/47/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-ispezzjonijiet tekniċi waqt it-traġitt tal-affidabilità stradali ta' vetturi kummerċjali li jiċċirkolaw fl-Unjoni u li tirrevoka d-Direttiva 2000/30/KE (ĠU L 127, 29.4.2014, p. 134). |
| [56] Id-Direttiva 2014/45/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar testijiet perjodiċi tal-affidabbiltà stradali għal vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom u li tħassar id-Direttiva 2009/40/KE (ĠU L 127, 29.4.2014, p. 129) | [56] Id-Direttiva 2014/45/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar testijiet perjodiċi tal-affidabbiltà stradali għal vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom u li tħassar id-Direttiva 2009/40/KE (ĠU L 127, 29.4.2014, p. 129) |

**Emenda 93**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 6 – punt c**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| ***(c) jiskattaw it-tiswija tal-vettura meta*** | ***imħassar*** |

***s-sistema ta' twissija għas-sewwieq tinnotifika emissjonijiet eċċessivi b'mod sinifikanti.***

**Emenda 94**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. L-apparati tal-OBFCM installati mill-manifattur f'dawn il-vetturi għandhom ikunu kapaċi jikkomunikaw id-data tal-vettura li jirreġistraw permezz tal-port tal-OBD ***u fuq l-arja***. | 7. L-apparati tal-OBFCM installati mill-manifattur f'dawn il-vetturi għandhom ikunu kapaċi jikkomunikaw id-data tal-vettura ***legalment xierqa, meħtieġa u rilevanti*** li jirreġistraw permezz tal-port tal-OBD ***filwaqt li jirrispettaw id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2016/679***. |

**Emenda 95**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Għal vetturi, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati li jippreżentaw riskju serju jew nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti stipulati f'dan ir-regolament, il-manifatturi għandhom ***jieħdu l-miżuri*** korrettivi meħtieġa ***minnufih***, inklużi tiswijiet jew modifiki ta' dawk il-vetturi, is-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati kif xieraq, sabiex tiġi żgurata l-konformità ma' dan ir-regolament. Il-manifatturi jew kwalunkwe operatur ekonomiku ieħor għandhom jirtirawhom mis-suq jew jagħmlu sejħa sabiex jinġabru lura mis-suq, kif xieraq. Il-manifattur għandu jinforma minnufih lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip tan-nuqqas ta' konformità bid-dettalji xierqa. | 8. Għal vetturi, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati***, manifatturati f'konformità ma' dan ir-Regolament,*** li jippreżentaw riskju serju jew nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti stipulati f'dan ir-regolament, il-manifatturi għandhom ***jingħataw struzzjonijiet skont il-proċess u l-perjodi ta' żmien tal-leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni biex jieħdu, f'konformità mal-proċeduri speċifikati fl-atti ta' implimentazzjoni u delegati korrispondenti, il-miżuri*** korrettivi meħtieġa, inklużi tiswijiet jew modifiki ta' dawk il-vetturi, is-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati kif xieraq, biex tiġi żgurata l-konformità ma' dan ir-regolament. Il-manifatturi jew kwalunkwe operatur ekonomiku ieħor għandhom jirtirawha mis-suq jew jagħmlu sejħa |

| | |
|---|---|
| | sabiex tinġabar lura mis-suq, kif xieraq. Il-manifattur għandu jinforma minnufih lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip bin-nuqqas ta' konformità bid-dettalji xierqa. |

**Emenda 96**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. Il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, regoli dettaljati dwar ir-rekwiżiti, it-testijiet, il-metodi u l-miżuri korrettivi relatati mal-obbligi msemmija fil-paragrafi 1 sa 8. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 17(2). | 9. Il-Kummissjoni għandha tadotta***, mhux aktar tard minn sena (1) mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament***, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, regoli dettaljati dwar ir-rekwiżiti, it-testijiet, il-metodi u l-miżuri korrettivi relatati mal-obbligi msemmija fil-paragrafi 1 sa 8. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 17(2). |

**Emenda 97**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-manifattur għandu jipprovdi lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip b'dikjarazzjoni ta' konformità ffirmata fir-rigward tal-RDE, il-korrezzjoni tat-temperatura ambjentali tas-$CO_2$, l-OBD, l-OBM, l-emissjonijiet u d-durabbiltà tal-batterija, ir-riġenerazzjoni kontinwa jew perjodika, ir-rekwiżiti kontra t-tbagħbis u tal-kaxxa tal-krank kif speċifikati fl-Anness V. ***Il-manifattur għandu jipprovdi lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip dikjarazzjoni ta' konformità ffirmata dwar l-użu ta' kontrolli adattivi u għażliet ta' geofencing meta l-manifattur jagħżel*** | 2. Il-manifattur għandu jipprovdi lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip b'dikjarazzjoni ta' konformità ffirmata fir-rigward tal-RDE, il-korrezzjoni tat-temperatura ambjentali tas-$CO_2$, l-OBD, l-OBM, l-emissjonijiet u d-durabbiltà tal-batterija, ir-riġenerazzjoni kontinwa jew perjodika, ir-rekwiżiti kontra t-tbagħbis u tal-kaxxa tal-krank kif speċifikati fl-Anness V. |

***dawn l-għażliet.***

**Emenda 98**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Il-manifatturi għandhom joħorġu l-passaport ambjentali tal-vettura (EVP) għal kull vettura u jagħtu dak il-passaport lix-xerrej tal-vettura flimkien mal-vettura, filwaqt li jieħdu d-data rilevanti minn sorsi bħaċ-ċertifikat ta' konformità u d-dokumentazzjoni tal-approvazzjoni tat-tip. Il-manifattur għandu jiżgura li d-data tal-EVP tkun disponibbli għall-wiri fis-sistemi elettroniċi tal-vettura u tkun tista' tiġi trażmessa minn abbord għal mhux abbord. | 4. Il-manifatturi għandhom joħorġu l-passaport ambjentali tal-vettura (EVP) għal kull vettura***, juru informazzjoni dwaru lill-konsumaturi fil-punt tal-bejgħ*** u jagħtu dak il-passaport lix-xerrej tal-vettura flimkien mal-vettura, filwaqt li jieħdu d-data rilevanti minn sorsi bħaċ-ċertifikat ta' konformità u d-dokumentazzjoni tal-approvazzjoni tat-tip. ***Il-manifatturi għandhom jaġġornaw il-passaport ambjentali tal-vettura (EVP) wara kontrolli tal-konformità waqt is-servizz, filwaqt li jsemmu valuri aġġornati għall-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 3(71) ta' dan ir-Regolament. F'konformità mar-Regolament 2018/858 u d-Direttiva 2014/45/UE, il-manifatturi għandhom jippermettu lill-awtoritajiet kompetenti u liċ-ċentri tal-ittestjar jaġġornaw l-EVP b'data preċiża mill-port OBD u l-apparat OBFCM tal-vettura.*** Il-manifattur għandu jiżgura li d-data tal-EVP tkun disponibbli għall-wiri fis-sistemi elettroniċi tal-vettura u tkun tista' tiġi trażmessa minn abbord għal mhux abbord. |

**Emenda 99**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***5. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-verifiki u l-proċeduri tal-ittestjar u tal-konformità, relatati mal-approvazzjoni*** | ***imħassar*** |

***tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet, il-konformità tal-produzzjoni, il-konformità waqt is-servizz, id-dikjarazzjoni ta' konformità u l-EVP skont il-paragrafi 1 sa 4. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 17(2).***

**Emenda 100**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 5a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. Għal kwalunkwe vettura ħafifa ġdida li tista' tiġi ppruvata li taħdem esklużivament bil-fjuwils li bħalissa ma humiex kummerċjalment disponibbli, il-Kummissjoni għandha twettaq valutazzjoni tal-impatt sħiħa qabel ma tikkunsidra jekk toħroġx proposta leġiżlattiva sabiex tistabbilixxi l-verifiki tal-ittestjar u tal-konformità kif ukoll il-proċeduri relatati mas-suġġetti rilevanti kollha skont il-paragrafi 1 sa 4.*** |

**Emenda 101**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Regoli speċjali għall-manifatturi ta' volum żgħir | Regoli speċjali għall-manifatturi ta' volum żgħir ***u żgħir ħafna*** |

**Emenda 102**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Fir-rigward tal-emissjonijiet ta' inkwinanti, il-manifatturi ta' volum żgħir jistgħu jissostitwixxu t-testijiet stabbiliti fit-Tabelli 1, 3, 5, 7 u 9 tal-Anness V b'dikjarazzjonijiet ta' konformità. Il-konformità tal-vetturi mibnija u mqiegħda fis-suq minn manifatturi ta' volum żgħir tista' tiġi ttestjata għall-konformità waqt is-servizz u għas-sorveljanza tas-suq f'konformità mat-Tabelli 2, 4, 6, 8 u 10 tal-Anness V. Il-konformità tat-testijiet tal-produzzjoni stabbiliti fl-Anness V ma għandhiex tkun meħtieġa. L-Artikolu ***4(4)***, il-punt (b), ma għandux japplika għall-manifatturi ta' volum żgħir. | 1. Fir-rigward tal-emissjonijiet ta' inkwinanti, il-manifatturi ta' volum żgħir ***u żgħir ħafna*** jistgħu jissostitwixxu t-testijiet stabbiliti fit-Tabelli 1, 3, 5, 7 u 9 tal-Anness V b'dikjarazzjonijiet ta' konformità. Il-konformità tal-vetturi mibnija u mqiegħda fis-suq minn manifatturi ta' volum żgħir tista' tiġi ttestjata għall-konformità waqt is-servizz u għas-sorveljanza tas-suq f'konformità mat-Tabelli 2, 4, 6, 8 u 10 tal-Anness V. Il-konformità tat-testijiet tal-produzzjoni stabbiliti fl-Anness V ma għandhiex tkun meħtieġa. L-Artikolu ***4(6)***, il-punt (b), ma għandux japplika għall-manifatturi ta' volum żgħir ***u żgħir ħafna***. |

**Emenda 103**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-manifatturi ta' volum żgħir ħafna għandhom ***jikkonformaw*** mal-limiti tal-emissjonijiet stabbiliti fl-Anness I f'testijiet tal-laboratorju bbażati fuq ċikli aleatorji ta' sewqan reali għall-finijiet ta' konformità waqt is-servizz u ta' sorveljanza tas-suq. | 2. Il-manifatturi ta' volum żgħir ħafna għandhom ***juru konformità*** mal-limiti tal-emissjonijiet stabbiliti fl-Anness I f'testijiet tal-laboratorju bbażati fuq ċikli aleatorji ta' sewqan reali għall-finijiet ta' konformità waqt is-servizz u ta' sorveljanza tas-suq. |

**Emenda 104**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Fl-approvazzjonijiet tat-tip f'diversi stadji, il-manifatturi tat-tieni stadju jew ta' stadji sussegwenti għandhom ikunu ***responsabbli*** għall-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet meta | 1. Fl-approvazzjonijiet tat-tip f'diversi stadji***, wara d-dati previsti fl-Artikolu 20***, il-manifatturi tat-tieni stadju jew ta' stadji sussegwenti għandhom ikunu ***responsabbli b'mod konġunt mal-manifattur*** għall- |

| | |
|---|---|
| jimmodifikaw kwalunkwe parti tal-vettura li, skont id-data pprovduta mill-manifatturi tal-istadju preċedenti, tista' taffettwa l-emissjonijiet jew id-durabbiltà tal-batterija. | approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet meta jimmodifikaw kwalunkwe parti tal-vettura li, skont id-data pprovduta mill-manifatturi tal-istadju preċedenti, tista' taffettwa l-emissjonijiet jew id-durabbiltà tal-batterija. |

**Emenda 105**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu r-rekwiżiti amministrattivi u d-data li għandha tiġi pprovduta mill-manifatturi tal-istadju preċedenti f'konformità mal-paragrafu 1 u mal-proċeduri għad-determinazzjoni tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ ta' tali vetturi. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 17(2). | 2. Il-Kummissjoni għandha tadotta***, sa mhux aktar tard minn sena waħda mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament,*** atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu r-rekwiżiti amministrattivi u d-data li għandha tiġi pprovduta mill-manifatturi tal-istadju preċedenti f'konformità mal-paragrafu 1 u mal-proċeduri għad-determinazzjoni tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ ta' tali vetturi. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 17(2). |

**Emenda 106**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. B'effett ***minn … [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]***, fejn manifattur jitlob dan, l-awtoritajiet nazzjonali tal-approvazzjoni ma għandhomx jirrifjutaw li jagħtu approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet tal-UE jew approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet nazzjonali għal tip ġdid ta' vettura jew magna, jew jipprojbixxu r-reġistrazzjoni, il-bejgħ jew | 3. B'effett ***mid-data xierqa msemmija fl-Artikolu 20***, fejn manifattur jitlob dan, l-awtoritajiet nazzjonali tal-approvazzjoni ma għandhomx jirrifjutaw li jagħtu approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet tal-UE jew approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet nazzjonali għal tip ġdid ta' vettura jew magna, jew jipprojbixxu r-reġistrazzjoni, il-bejgħ jew id-dħul fis-servizz ta' vettura ġdida li tikkonforma ma' dan ir-regolament. |

id-dħul fis-servizz ta’ vettura ġdida li tikkonforma ma’ dan ir-regolament.

**Emenda 107**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. B’effett ***mill-1 ta’ Lulju 2025***, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom, fil-każ ta’ vetturi $M_1$, $N_1$ ġodda li ma jikkonformawx ma’ dan ir-Regolament, iqisu li ċ-ċertifikati ta’ konformità ma għadhomx validi għall-finijiet ta’ reġistrazzjoni u għandhom, għal raġunijiet relatati mal-emissjonijiet tas-$CO_2$ u ta’ inkwinanti, il-konsum tal-fjuwil u tal-enerġija jew id-durabbiltà tal-batterija, jipprojbixxu r-reġistrazzjoni, il-bejgħ jew id-dħul fis-servizz ta’ tali vetturi. | 4. B’effett ***minn 12-il xahar wara d-data xierqa msemmija fl-Artikolu 20***, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom, fil-każ ta’ vetturi $M_1$, $N_1$ ġodda ***li għandhom jinbiegħu, jiġu rreġistrati jew jiddaħħlu fis-servizz fl-Unjoni,*** li ma jikkonformawx ma’ dan ir-Regolament, iqisu li ċ-ċertifikati ta’ konformità ma għadhomx validi għall-finijiet ta’ reġistrazzjoni u għandhom, għal raġunijiet relatati mal-emissjonijiet tas-$CO_2$ u ta’ inkwinanti, il-konsum tal-fjuwil u tal-enerġija jew id-durabbiltà tal-batterija, jipprojbixxu r-reġistrazzjoni, il-bejgħ jew id-dħul fis-servizz ta’ tali ***magni u*** vetturi. |

**Emenda 108**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. B’effett ***mill-1 ta’ Lulju 2027***, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom, fil-każ ta’ vetturi $M_2$, $M_3$, $N_2$, $N_3$ ġodda u trejlers $O_3$, $O_4$ ġodda, li ma jikkonformawx ma’ dan ir-Regolament, iqisu li ċ-ċertifikati ta’ konformità ma għadhomx validi għall-finijiet ta’ reġistrazzjoni u għandhom, għal raġunijiet relatati mal-emissjonijiet tas-$CO_2$ u ta’ inkwinanti, il-konsum tal-fjuwil u tal-enerġija, l-effiċjenza enerġetika jew id-durabbiltà tal-batterija, jipprojbixxu r-reġistrazzjoni, il-bejgħ jew id-dħul fis-servizz ta’ tali vetturi. | 5. B’effett ***minn 12-il xahar wara d-data xierqa msemmija fl-Artikolu 20***, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom, fil-każ ta’ vetturi $M_2$, $M_3$, $N_2$, $N_3$ ġodda u trejlers $O_3$, $O_4$ ġodda ***li għandhom jinbiegħu, jiġu rreġistrati jew jitqiegħdu fis-servizz fl-Unjoni***, li ma jikkonformawx ma’ dan ir-Regolament, iqisu li ċ-ċertifikati ta’ konformità ma għadhomx validi għall-finijiet ta’ reġistrazzjoni u għandhom, għal raġunijiet relatati mal-emissjonijiet tas-$CO_2$ u ta’ inkwinanti, il-konsum tal-fjuwil u tal-enerġija, l-effiċjenza enerġetika jew id-durabbiltà tal-batterija, jipprojbixxu r- |

| | |
|---|---|
| | reġistrazzjoni, il-bejgħ jew id-dħul fis-servizz ta' tali ***magni u*** vetturi. |

**Emenda 109**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. B'effett ***mill-1 ta' Lulju 2030***, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom, fil-każ ta' vetturi $M_1$, $N_1$ ġodda mibnija minn manifatturi ta' volum żgħir li ma jikkonformawx ma' dan ir-Regolament, iqisu li ċ-ċertifikati ta' konformità ma għadhomx validi għall-finijiet ta' reġistrazzjoni u għandhom, għal raġunijiet relatati mal-emissjonijiet tas-$CO_2$ u ta' inkwinanti, il-konsum tal-fjuwil u tal-enerġija, l-effiċjenza enerġetika jew id-durabbiltà tal-batterija, jipprojbixxu r-reġistrazzjoni, il-bejgħ jew id-dħul fis-servizz ta' tali vetturi. | 6. B'effett ***minn 12-il xahar wara d-data xierqa msemmija fl-Artikolu 20***, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom, fil-każ ta' vetturi $M_1$, $N_1$ ġodda mibnija minn manifatturi ta' volum żgħir ***u vetturi kategorizzati skont ir-Regolament (UE) 2018/858, il-Parti A, 5.2 bħala SB li għandhom jinbiegħu, jiġu rreġistrati jew jitqiegħdu fis-servizz fl-Unjoni,*** li ma jikkonformawx ma' dan ir-Regolament, iqisu li ċ-ċertifikati ta' konformità ma għadhomx validi għall-finijiet ta' reġistrazzjoni u għandhom, għal raġunijiet relatati mal-emissjonijiet tas-$CO_2$ u ta' inkwinanti, il-konsum tal-fjuwil u tal-enerġija, l-effiċjenza enerġetika jew id-durabbiltà tal-batterija, jipprojbixxu r-reġistrazzjoni, il-bejgħ jew id-dħul fis-servizz ta' tali vetturi. |

**Emenda 110**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. B'effett ***mill-1 ta' Lulju 2031***, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom, fil-każ ta' vetturi $M_2$, $M_3$, $N_2$, $N_3$ ġodda mibnija minn manifatturi ta' volum żgħir, li ma jikkonformawx ma' dan ir-Regolament, iqisu li ċ-ċertifikati ta' konformità ma għadhomx validi għall-finijiet ta' reġistrazzjoni u għandhom, għal raġunijiet relatati mal-emissjonijiet tas-$CO_2$ u ta' | 7. B'effett ***minn 12-il xahar wara d-data rilevanti stabbilita fl-Artikolu 20***, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom, fil-każ ta' vetturi $M_2$, $M_3$, $N_2$, $N_3$ ġodda mibnija minn manifatturi ta' volum żgħir, li ma jikkonformawx ma' dan ir-Regolament, iqisu li ċ-ċertifikati ta' konformità ma għadhomx validi għall-finijiet ta' reġistrazzjoni u għandhom, għal raġunijiet |

| | |
|---|---|
| inkwinanti, il-konsum tal-fjuwil u tal-enerġija, l-effiċjenza enerġetika jew id-durabbiltà tal-batterija, jipprojbixxu r-reġistrazzjoni, il-bejgħ jew id-dħul fis-servizz ta' tali vetturi. | relatati mal-emissjonijiet tas-$CO_2$ u ta' inkwinanti, il-konsum tal-fjuwil u tal-enerġija, l-effiċjenza enerġetika jew id-durabbiltà tal-batterija, jipprojbixxu r-reġistrazzjoni, il-bejgħ jew id-dħul fis-servizz ta' tali ***magni u*** vetturi. |

**Emenda 111**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***8. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-elementi amministrattivi u tekniċi meħtieġa għat-twettiq ta' testijiet, kontrolli u spezzjonijiet għall-finijiet tal-verifika tal-konformità mal-paragrafu 1, kif ukoll l-elementi tekniċi meħtieġa għall-kontrolli tas-sorveljanza tas-suq skont il-paragrafu 2. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 17(2).*** | ***imħassar*** |

**Emenda 112**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. B'effett ***mill-1 ta' Lulju 2025***, il-bejgħ jew l-installazzjoni ta' sistema, komponent jew unità teknika separata maħsuba sabiex jitwaħħlu fuq vettura $M_1$, $N_1$ approvata skont dan ir-Regolament, għandhom ikunu pprojbiti jekk is-sistema, il-komponent u l-unità teknika separata ma jkunux tat-tip approvat f'konformità ma' dan ir-Regolament. | 1. B'effett ***minn 12-il xahar wara d-data xierqa msemmija fl-Artikolu 20***, il-bejgħ jew l-installazzjoni ta' sistema, komponent jew unità teknika separata maħsuba sabiex jitwaħħlu fuq vettura $M_1$, $N_1$ approvata skont dan ir-Regolament, għandhom ikunu pprojbiti jekk is-sistema, il-komponent u l-unità teknika separata ma jkunux tat-tip approvat f'konformità ma' dan ir-Regolament. |

**Emenda 113**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. B'effett ***mill-1 ta' Lulju 2027***, il-bejgħ jew l-installazzjoni ta' sistema, komponent jew unità teknika separata maħsuba sabiex jitwaħħlu fuq vettura $M_2$, $M_3$, $N_2$, $N_3$ approvata skont dan ir-Regolament, għandhom ikunu pprojbiti jekk is-sistema, il-komponent u l-unità teknika separata ma jkunux tat-tip approvat f'konformità ma' dan ir-Regolament. | 2. B'effett ***minn 12-il xahar wara d-data xierqa msemmija fl-Artikolu 20***, il-bejgħ jew l-installazzjoni ta' sistema, komponent jew unità teknika separata maħsuba sabiex jitwaħħlu fuq vettura $M_2$, $M_3$, $N_2$, $N_3$ ***u trejlers*** $O_3$, $O_4$ approvata skont dan ir-Regolament, għandhom ikunu pprojbiti jekk is-sistema, il-komponent u l-unità teknika separata ma jkunux tat-tip approvat f'konformità ma' dan ir-Regolament. |

**Emenda 114**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-operaturi ekonomiċi u l-operaturi indipendenti ma għandhomx ibagħbsu l-vettura u s-sistemi tagħha. | 1. L-operaturi ekonomiċi u l-operaturi indipendenti ma għandhomx ibagħbsu l-vettura u s-sistemi tagħha. ***L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu penali finanzjarji li għandhom jiġu applikati mill-awtoritajiet nazzjonali f'każ ta' nuqqas ta' konformità.*** |

**Emenda 115**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-manifatturi ***għandhom*** jagħmlu d-data meħtieġa għat-twettiq ta' tali kontrolli disponibbli għall-Kummissjoni u għal partijiet terzi f'konformità mal-Artikoli 9(5) u 13(10) tar-Regolament (UE) | 2. ***B'mod proattiv,*** il-manifatturi ***se*** jagħmlu d-data meħtieġa għat-twettiq ta' tali kontrolli disponibbli għall-Kummissjoni u għal partijiet terzi f'konformità mal-Artikoli 9(5) u 13(10) |

| | |
|---|---|
| 2018/858. | tar-Regolament (UE) 2018/858. |

**Emenda 116**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2 a. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja kontinwament is-sitwazzjoni fil-livell tal-Unjoni bil-ħsieb li tidentifika prattiki ta' ċirkomvenzjoni u nuqqas ta' konformità, inkluż permezz ta' sorveljanza tas-suq jew abbażi ta' kwalunkwe sors rilevanti ta' informazzjoni, bħal sottomissjonijiet minn, u rapportar minn, aġenziji ta' kontroll u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Meta jinstab ksur fil-konformità, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill u ssegwi bi proposta leġiżlattiva, jekk ikun xieraq, biex tindirizza u telimina r-riskji għal dak in-nuqqas ta' konformità.*** |

**Emenda 117**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 3 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni għall-fażijiet kollha tal-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet, inklużi l-konformità tal-produzzjoni, il-konformità waqt is-servizz u s-sorveljanza tas-suq, li jindirizzaw il-proċeduri u t-testijiet għall-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet, il-metodoloġiji tal-ittestjar, id-dispożizzjonijiet amministrattivi, l-emendar u l-estensjoni tal-approvazzjonijiet tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet, l-aċċess għad-data, ir- | 3. Il-Kummissjoni għandha***, mhux aktar tard minn 12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, atti ta' implimentazzjoni għall-punti (a) sa (f) u l-punti (i) sa (k), u mhux aktar tard minn 12-il xahar mill-pubblikazzjoni tad-dispożizzjoni tal-Forum Dinji tan-NU għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Vetturi (WP29) għall-punti (g) u (h),*** tadotta atti ta' implimentazzjoni għall-fażijiet kollha tal-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet, inklużi l-konformità tal-produzzjoni, il-konformità |

| | |
|---|---|
| rekwiżiti tad-dokumentazzjoni u l-mudelli għal dawn kollha li ġejjin: | waqt is-servizz u s-sorveljanza tas-suq, li jindirizzaw il-proċeduri u t-testijiet għall-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet, il-metodoloġiji tal-ittestjar, id-dispożizzjonijiet amministrattivi, l-emendar u l-estensjoni tal-approvazzjonijiet tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet, l-aċċess għad-data, ir-rekwiżiti tad-dokumentazzjoni u l-mudelli għal dawn kollha li ġejjin: |

**Emenda 118**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 3 – punt da (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(da) is-sistema SOH;*** |

**Emenda 119**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 3 – punt db (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(db) sistema ta' twissija għas-sewwieq dwar emissjonijiet eċċessivi;*** |

**Emenda 120**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 3 – punt dc (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(dc) sistema ta' twissija għas-sewwieq dwar konsum baxx ta' reaġenti;*** |

**Emenda 121**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 3 – punt f**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (f) it-tipi ta' sistemi ta' sostituzzjoni għall-kontroll tat-tniġġis u l-parts tagħhom; | (f) it-tipi ta' sistemi ta' sostituzzjoni għall-kontroll tat-tniġġis u l-parts tagħhom ***speċifikament għall-kategoriji differenti ta' vetturi li jqisu wkoll sistemi oħra ta' fuq il-vettura li jikkontribwixxu għall-ibbrejkjar tal-vetturi u l-ibbrejkjar tat-trejlers***; |

**Emenda 122**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 3 – punt g**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (g) it-tipi ta' sistemi tal-brejkijiet u l-ispare parts tagħhom; | (g) it-tipi ta' sistemi tal-brejkijiet u l-ispare parts tagħhom ***f'konformità mal-ħidma mwettqa fil-Forum Dinji tan-NU għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti dwar il-Vetturi (WP29)***; |

**Emenda 123**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 3 – punt h**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (h) it-tipi ta' tajers fir-rigward tal-brix tat-tajers; | (h) it-tipi ta' tajers fir-rigward tal-brix tat-tajers ***f'konformità mar-Regolament tal-Forum Dinji tan-NU għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti dwar il-Vetturi (WP29)***; |

**Emenda 124**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa | Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa |

| | |
|---|---|
| li tadotta atti ta' implimentazzjoni għall-fażijiet kollha tal-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet, inklużi l-konformità waqt is-servizz, il-konformità tal-produzzjoni u s-sorveljanza tas-suq, sabiex tistabbilixxi dawn li ġejjin: | li tadotta***, mhux aktar tard minn 12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, atti ta' implimentazzjoni għall-punti (a) sa (f) u l-punti (i) sa (w), u mhux aktar tard minn 12-il xahar mill-pubblikazzjoni tad-dispożizzjoni tal-Forum Dinji tan-NU għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Vetturi (WP29) għall-punti (g) sa (i),*** atti ta' implimentazzjoni għall-fażijiet kollha tal-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet, inklużi l-konformità waqt is-servizz, il-konformità tal-produzzjoni u s-sorveljanza tas-suq, sabiex tistabbilixxi dawn li ġejjin: |

**Emenda 125**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) il-metodi sabiex jitkejlu l-emissjonijiet tal-egżost fil-laboratorju u fit-triq, inklużi ċ-ċikli aleatorji ***u tal-agħar xenarju*** tat-test tal-RDE, l-użu ta' sistemi portabbli għall-kejl tal-emissjonijiet għall-verifika tal-emissjonijiet f'sewqan reali, u l-emissjonijiet waqt it-tħaddim ta' magna fuq idle; | (a) il-metodi sabiex jitkejlu l-emissjonijiet tal-egżost fil-laboratorju u fit-triq, inklużi ċ-ċikli aleatorji ***iżda statistikament rilevanti*** tat-test tal-RDE***, il-miżuri kontra sewqan preġudikat u l-użu ħażin matul l-ittestjar tal-RDE***, l-użu ta' sistemi portabbli għall-kejl tal-emissjonijiet għall-verifika tal-emissjonijiet f'sewqan reali, u l-emissjonijiet waqt it-tħaddim ta' magna fuq idle; |

**Emenda 126**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt aa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(a a) għall-vetturi tal-kategoriji $M_2$, $M_3$, $N_2$ and $N_3$ fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) 595/2009, għat-trasferiment tal-proċeduri kollha tat-test tal-konformità fil-laboratorju u waqt is-*** |

| | |
|---|---|
| | ***servizz (ISC-PEMS) stabbiliti f'dak ir-Regolament u l-emendi sussegwenti tiegħu;*** |

**Emenda 127**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt g**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (g) il-metodi sabiex jitkejlu l-emissjonijiet tal-partikoli tal-brejk, inklużi l-metodi għall-HDV, l-emissjonijiet tal-partikoli tal-brejk tas-sewqan reali u l-ibbrejkjar riġenerattiv; | (g) il-metodi sabiex jitkejlu l-emissjonijiet tal-partikoli tal-brejk, inklużi l-metodi għall-HDV, l-emissjonijiet tal-partikoli tal-brejk tas-sewqan reali u l-ibbrejkjar riġenerattiv ***f'konformità mal-ħidma mwettqa mill-Forum Dinji tan-NU għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti dwar il-Vetturi (WP29)***; |

**Emenda 128**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt h**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (h) il-metodi sabiex jitkejjel il-brix tat-tajers sabiex jiġu mmonitorjati r-rati ta' brix tat-tajers; | (h) il-metodi sabiex jitkejjel il-brix tat-tajers sabiex jiġu mmonitorjati r-rati ta' brix tat-tajers ***f'konformità mad-WFHVR tan-NU***; |

**Emenda 129**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt i**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (i) il-metodi sabiex tiġi evalwata l-konformità mar-rekwiżiti minimi tal-prestazzjoni tad-durabbiltà tal-batterija; | (i) il-metodi sabiex tiġi evalwata l-konformità mar-rekwiżiti minimi tal-prestazzjoni tad-durabbiltà tal-batterija ***f'konformità mad-WFHVR tan-NU***; |

**Emenda 130**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt j**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (j) l-apparat tal-OBFCM, is-sistemi OBD u OBM, inklużi l-limiti tal-konformità, ir-rekwiżiti u t-testijiet tal-prestazzjoni, il-metodi sabiex tiġi żgurata l-prestazzjoni tas-sensuri u l-komunikazzjoni ***fuq l-arja*** tad-data rreġistrata minn dawn l-apparati u s-sistemi; | (j) l-apparat tal-OBFCM, is-sistemi OBD u OBM, inklużi l-limiti tal-konformità***, id-definizzjoni ta' avveniment ta' eċċedenzi tal-emissjonijiet***, ir-rekwiżiti u t-testijiet tal-prestazzjoni, il-metodi sabiex tiġi żgurata l-prestazzjoni tas-sensuri u l-komunikazzjoni tad-data rreġistrata minn dawn l-apparati u s-sistemi; |

**Emenda 131**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt k**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (k) il-karatteristiċi u l-prestazzjoni tas-sistemi ta' twissija għas-sewwieq u l-metodi ta' inċitament u l-metodu sabiex jiġi vvalutat it-tħaddim korrett tagħhom; | (k) il-karatteristiċi u l-prestazzjoni tas-sistemi ta' twissija għas-sewwieq u l-metodi ta' inċitament u l-metodu sabiex jiġi vvalutat it-tħaddim korrett tagħhom ***f'konformità ma' dan ir-Regolament***; |

**Emenda 132**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt ka (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ka) metodoloġija relatata mal-użu standard għall-finijiet tal-kontrolli tal-Affidabbiltà stradali;*** |

**Emenda 133**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt r**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (r) l-ispeċifikazzjonijiet tal-fjuwils ta' referenza għall-ittestjar; | (r) l-ispeċifikazzjonijiet tal-fjuwils ta' referenza għall-ittestjar ***li huma inklużi fid-Direttiva 98/70/KE dwar il-Kwalità tal-Karburant***; |

**Emenda 134**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt s**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (s) il-metodi sabiex jiġi stabbilit in-nuqqas ta' apparat ta' manipulazzjoni u strateġiji ta' manipulazzjoni; | (s) il-metodi sabiex jiġi stabbilit in-nuqqas ta' apparat ta' manipulazzjoni u strateġiji ta' manipulazzjoni ***f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-UE u l-GTR tan-NU/KEE***; |

**Emenda 135**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt u**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(u) il-format u d-data u l-metodi ta' komunikazzjoni fuq l-arja għall-EVP;*** | ***imħassar*** |

**Emenda 136**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt wa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(wa) il-metodi għall-approvazzjoni tat-tip tat-teknoloġiji ibridi applikabbli tal-vetturi tal-kategoriji M2, M3, N2 u N3;*** |

**Emenda 137**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 16 sabiex tqis il-progress tekniku sabiex temenda dawn li ġejjin: | 1. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta***, mhux aktar tard minn 12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament għall-punti (c) u (d) u mhux aktar tard minn 12-il xahar mill-pubblikazzjoni tad-dispożizzjoni tal-Forum Dinji tan-NU għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Vetturi (WP29) għall-punt (b),*** atti delegati f'konformità mal-Artikolu 16 sabiex tqis il-progress tekniku sabiex temenda dawn li ġejjin: |

**Emenda 138**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) l-Anness III, fir-rigward tal-kundizzjonijiet tat-test ***għall-vetturi*** $\boldsymbol{M_2}$***,*** $\boldsymbol{M_3}$***,*** $\boldsymbol{N_2}$ ***and*** $\boldsymbol{N_3}$***,*** abbażi tad-data miġbura meta jiġu ttestjati ***l-vetturi*** Euro 7; | (a) l-Anness III, fir-rigward tal-kundizzjonijiet tat-test ***M1, M2, M3 u N1, N2, N3*** abbażi tad-data miġbura meta jiġu ttestjati ***sustanzi ġodda*** Euro 7***, il-kundizzjonijiet tat-test għandhom ikunu konsistenti bis-sħiħ mal-kundizzjonijiet tal-ittestjar tar-Regolament (UE) 2017/1151, ir-Regolament (UE) 582/2011 u l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) 595/2009 u għandhom jestendu biss ir-regoli għal sustanzi ġodda***; |

**Emenda 139**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) L-Anness V, fir-rigward tal-applikazzjoni tar-rekwiżiti u d- | (c) l-Anness V, fir-rigward tal-applikazzjoni tar-rekwiżiti u d- |

| | |
|---|---|
| dikjarazzjonijiet tat-test, abbażi tal-progress tekniku; | dikjarazzjonijiet tat-test, abbażi tal-progress tekniku***, iżda biss biex titnaqqas il-kumplessità tal-proċeduri***; |

**Emenda 140**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 1 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) l-Artikolu 5 billi jiġu introdotti għażliet u deżinjazzjonijiet ibbażati fuq teknoloġiji innovattivi għall-manifatturi. | (d) l-Artikolu 5 billi jiġu introdotti għażliet u deżinjazzjonijiet ibbażati fuq teknoloġiji innovattivi għall-manifatturi***, inkluż għall-vetturi mgħammra b'magna ta' kombustjoni interna li taħdem bi fjuwils newtrali għas-$CO_2$, esklussivament jew bħala taħlita***. |

**Emenda 141**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 2 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament f'konformità mal-Artikolu 16 sabiex tqis il-progress tekniku billi: | 2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta***, mhux aktar tard minn 12-il xahar mill-pubblikazzjoni tad-dispożizzjoni tal-Forum Dinji tan-NU għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti dwar il-Vetturi (WP29) għall-punti (a) sa (c),*** atti delegati sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament f'konformità mal-Artikolu 16 sabiex tqis il-progress tekniku billi: |

**Emenda 142**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 2 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(d) tistabbilixxi l-multiplikaturi tad-*** | ***imħassar*** |

***durabbiltà fl-Anness IV abbażi tad-data miġbura meta jiġu ttestjati vetturi Euro 7 tal-kategoriji $M_2$, $M_3$, $N_2$, $N_3$ u rapport dwar id-durabbiltà tal-vetturi tqal sottomess lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill;***

**Emenda 143**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 2 – punt ea (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(e a) tistabbilixxi rekwiżiti u regoli, f'kooperazzjoni mal-manifatturi u l-fornituri, għal tagħmir tekniku fil-vetturi li jirrikonoxxu l-użu esklużiv ta' fjuwils newtrali għas-CO2 fil-vetturi.*** |

**Emenda 144**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 18 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. ***Sal-1 ta' Settembru 2030***, l-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni bl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. | 1. ***Sa 5 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament***, l-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni bl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. |

**Emenda 145**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 18 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. ***Sal-1 ta' Settembru 2031***, abbażi tal-informazzjoni mogħtija f'konformità mal-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport ta' evalwazzjoni dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. | 2. ***Sa 5 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament***, abbażi tal-informazzjoni mogħtija f'konformità mal-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport ta' evalwazzjoni dwar l- |

applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

**Emenda 146**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 18 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2 a. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar l-effiċjenza ta' dan ir-Regolament u sa liema punt kellu impatt fuq il-kompetittività tal-manifatturi tal-vetturi u l-operaturi tat-trasport bit-triq, kif ukoll dwar l-effetti tiegħu fuq il-prezzijiet tal-konsumatur. Dak ir-rapport għandu jelabora wkoll dwar l-interazzjoni bejn dan ir-Regolament u atti legali rilevanti oħra tal-Unjoni u għandu jidentifika d-dispożizzjonijiet legali li jistgħu jiġu aġġornati u ssimplifikati, kif ukoll l-azzjonijiet u l-miżuri li ttieħdu jew li jistgħu jittieħdu biex titnaqqas il-pressjoni tal-kost totali fuq in-negozji u l-konsumaturi, f'konformità mal-prinċipju ta' "one-in, one-out".*** |

**Emenda 147**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 18 – paragrafu 2b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2 b. Mhux aktar tard minn 36 xahar wara d-dħul fis-seħħ tal-atti ta' implimentazzjoni u delegati kollha adottati f'konformità ma' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport li jivvaluta d-durabbiltà tal-vetturi tqal.*** |

**Emenda 148**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 19 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 jitħassar b'effett ***mill-1 ta' Lulju 2025***. | Ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 jitħassar***, ħlief l-annessi rilevanti għall-proċeduri ta' ttestjar,*** b'effett ***mid-data prevista fl-Artikolu 20(2)***. |

**Emenda 149**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 19 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Ir-Regolament (KE) Nru 595/2009 jitħassar b'effett ***mill-1 ta' Jannar 2027***. | Ir-Regolament (KE) Nru 595/2009 jitħassar***, ħlief l-Artikolu 4 u l-annessi rilevanti għall-proċeduri ta' ttestjar,*** b'effett ***mid-data prevista fl-Artikolu 20(3)***. |

**Emenda 150**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 20 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Huwa għandu japplika ***mill-1 ta' Lulju 2025 għal*** vetturi u komponenti $M_1$, $N_1$ u għal unitajiet tekniċi separati għal dawk il-vetturi u ***mill-1 ta' Lulju 2027 għal*** vetturi u komponenti $M_2$, $M_3$, $N_2$, $N_3$ u għal unitajiet tekniċi separati għal dawk il-vetturi u għal trejlers $O_3$, $O_4$. | Huwa għandu japplika ***minn 3 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-atti ta' implimentazzjoni u l-atti delegati korrispondenti adottati f'konformità mal-Artikolu 14 l-Artikolu 15 rispettivament għat-tipi ta'*** vetturi u komponenti $M_1$, $N_1$ u għal unitajiet tekniċi separati***, ħlief għal tajers u brejkijiet,*** għal dawk il-vetturi u ***5 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-atti ta' implimentazzjoni u l-atti delegati korrispondenti f'konformità mal-Artikolu 14 l-Artikolu 15 rispettivament għal tipi ġodda ta'*** vetturi u komponenti $M_2$, $M_3$, $N_2$, $N_3$ u għal unitajiet tekniċi separati***, ħlief tajers u brejkijiet,*** għal dawk il-vetturi u għal trejlers $O_3$, $O_4$. |

**Emenda 151**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 20 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Huwa għandu japplika 5 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-atti ta' implimentazzjoni u l-atti delegati korrispondenti adottati f'konformità mal-Artikolu 14 u l-Artikolu 15 rispettivament għal tipi ġodda ta' vetturi u komponenti M1, N1 u unitajiet tekniċi separati fir-rigward ta' sustanzi regolati ġodda għal dawk il-vetturi u seba' snin mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-atti ta' implimentazzjoni u l-atti delegati korrispondenti adottati f'konformità mal-Artikolu 14 u l-Artikolu 15 rispettivi għal tipi ġodda ta' vetturi u komponenti $M_2$, $M_3$, $N_2$, $N_3$ u unitajiet tekniċi separati fir-rigward ta' sustanzi regolati ġodda, għal dawk il-vetturi u t-trejlers $O_3$, $O_4$.*** |

**Emenda 152**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 20 – paragrafu 2b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Id-dispożizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (UE) 2017/1151 u r-Regolament (UE) 582/2011 huma revokati ħlief l-Annessi kollha u l-Atti ta' Implimentazzjoni relatati rigward il-proċeduri tal-ittestjar tal-HDVs u l-LDVs.*** |

**Emenda 153**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 20 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Huwa għandu japplika ***mill-1 ta' Lulju 2030 għal*** vetturi $M_1$, $N_1$ mibnija minn manifatturi ta' volum żgħir. | Huwa għandu japplika ***6 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-atti ta' implimentazzjoni u l-atti delegati korrispondenti adottati f'konformità mal-Artikolu 14 u l-Artikolu 15 rispettivament għal tipi ġodda ta'*** vetturi ***u komponenti*** $M_1$, $N_1$ ***u unitajiet tekniċi separati, ħlief tajers u brejkijiet,*** mibnija minn manifatturi ta' volum żgħir ***u vetturi kategorizzati skont ir-Regolament (UE) 2018/858, il-Parti A, 5.2 bħala SB***. |

**Emenda 154**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 20 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Huwa għandu japplika 5 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-atti delegati korrispondenti adottati f'konformità mal-Artikolu 15(1)(b), 15 (2)(a) u 15(2)(b) għal tajers u brejkijiet.*** |

**Emenda 155**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 20 – paragrafu 3b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Mhux aktar tard minn sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ u l-applikazzjoni kif previst fl-Artikolu 20 ta' dan ir-Regolament, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jirrifjutaw, għal raġunijiet relatati mal-emissjonijiet, li jagħtu approvazzjoni tat-tip KE jew approvazzjoni tat-tip nazzjonali fir-rigward ta' vetturi M1, N1 ġodda li ma jikkonformawx ma' dan ir-Regolament u l-miżuri ta' implimentazzjoni tiegħu.*** |

**Emenda 156**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 20 – paragrafu 3c (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Mhux aktar tard minn sentejn wara d-dati tal-applikazzjoni kif previst fl-Artikolu 20 ta' dan ir-Regolament, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jirrifjutaw, għal raġunijiet relatati mal-emissjonijiet, li jippermettu r-reġistrazzjoni, il-bejgħ jew id-dħul fis-servizz fir-rigward ta' vetturi M1, N1 ġodda li ma jikkonformawx ma' dan ir-Regolament u mal-miżuri ta' implimentazzjoni tiegħu.*** |

**Emenda 157**
**Proposta għal regolament**
**Anness I – Tabella 1**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| *Test propost mill-Kummissjoni* | | | | |
| Il-limiti tal-emissjonijiet tal-egżost Euro 7 għal vetturi M1, N1 b'magna ta' kombustjoni interna | | | | |
| Emissjonijiet ta' inkwinanti | Vetturi $M_1$, $N_1$ | Għall-vetturi N1 biss bi proporzjon potenza-massa[1] ta' inqas minn ***35 kW/t*** | Baġit tal-emissjonijiet għall-vjaġġi kollha ta' inqas minn 10 km għall-vetturi $M_1$, $N_1$ | Baġit tal-emissjonijiet għall-vjaġġi kollha ta' inqas minn 10 km għall-vetturi $N_1$ biss bi proporzjon potenza-massa ta' inqas minn ***35 kW/t*** |
| | għal kull km | għal kull km | għal kull vjaġġ | għal kull vjaġġ |
| $NO_x$ f'mg | 60 | 75 | 600 | 750 |
| PM f'mg | 4.5 | 4.5 | 45 | 45 |
| $PN_{10}$ f'# | $6\times10^{11}$ | $6\times10^{11}$ | $6\times10^{12}$ | $6\times10^{12}$ |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| CO f'mg | 500 | ***630*** | 5000 | ***6300*** |
| THC f'mg | 100 | ***130*** | 1000 | ***1300*** |
| NMHC f'mg | 68 | ***90*** | 680 | ***900*** |
| $NH_3$ f'mg | 20 | ***20*** | 200 | ***200*** |

__________________

1. f'konformità mal-paragrafu 5.3.2. tar-Regolament NU/KEE Nru 85 fil-każ tal-ICEVs u tal-PEVs, jew, fil-każijiet l-oħrajn kollha, imkejjel f'konformità ma' waħda mill-proċeduri ta' ttestjar stipulati fil-paragrafu 6 tar-Regolament Tekniku Globali tan-NU Nru 21

*Emenda*

Il-limiti tal-emissjonijiet tal-egżost Euro 7 għal vetturi M1, N1 b'magna ta' kombustjoni interna

| Emissjonijiet ta' inkwinanti | Vetturi $M_1$, $N_1$ | Għall-vetturi N1 biss bi proporzjon potenza-massa[1] ta' inqas minn ***44 kW/t*** | Baġit tal-emissjonijiet għall-vjaġġi kollha ta' inqas minn 10 km għall-vetturi M1, N1 | Baġit tal-emissjonijiet għall-vjaġġi kollha ta' inqas minn 10 km għall-vetturi N1 biss bi proporzjon potenza-massa ta' inqas minn ***44 kW/t*** |
|---|---|---|---|---|
| | għal kull km | għal kull km | għal kull vjaġġ | għal kull vjaġġ |
| $NO_x$ f'mg | 60 | 75 | 600 | 750 |
| PM f'mg | 4.5 | 4.5 | 45 | 45 |
| $PN_{10}$ f'# | $6\times10^{11}$ | $6\times10^{11}$ | $6\times10^{12}$ | $6\times10^{12}$ |
| CO f'mg | 500 | ***740*** | 5000 | ***7400*** |
| THC f'mg | 100 | ***160*** | 1000 | ***1600*** |
| NMHC f'mg | 68 | ***108*** | 680 | ***1080*** |
| $NH_3$ f'mg | 20 | - | 200 | - |

__________________

1. Imkejjel f'konformità mal-paragrafu 5.3.2. tar-Regolament NU/KEE Nru 85 fil-każ tal-ICEVs u tal-PEVs, jew, fil-każijiet l-oħrajn kollha, imkejjel f'konformità ma' waħda mill-proċeduri ta' ttestjar stipulati fil-paragrafu 6 tar-Regolament Tekniku Globali tan-NU Nru 21

**Emenda 158**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – Tabella 2**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| *Test propost mill-Kummissjoni* | | | | |
| Il-limiti tal-emissjonijiet tal-egżost Euro 7 għal vetturi $M_2$, $M_3$, $N_2$ u $N_3$ b'magna ta' kombustjoni interna u magni ta' kombustjoni interna użati f'dawk il-vetturi | | | | |
| Emissjonijiet ta' inkwinanti | ***Emissjonijiet keħin***[2] | ***Emissjonijiet sħan***[3] | ***Baġit tal-emissjonijiet għall-vjaġġi kollha b'tul ta' inqas minn 3*WHTC*** | ***Limiti fakultattivi tal-emissjonijiet meta l-vettura tkun bil-magna fuq idle***[4] |
| | għal kull kWh | għal kull kWh | ***għal kull kWh*** | ***fis-siegħa*** |
| $NO_x$ f'mg | ***350*** | ***90*** | ***150*** | ***5000*** |
| PM f'mg | ***12*** | ***8*** | ***10*** | |
| $PN_{10}$ f'# | ***$5x10^{11}$*** | ***$2x10^{11}$*** | ***$3x10^{11}$*** | |
| CO f'mg | ***3500*** | ***200*** | ***2700*** | |
| NMOG f'mg | ***200*** | ***50*** | ***75*** | |
| $NH_3$ f'mg | ***65*** | ***65*** | ***70*** | |
| CH f'mg | ***500*** | ***350*** | ***500*** | |
| $NH_2$ f'mg | ***160*** | ***100*** | ***140*** | |
| HCHO f'mg | ***30*** | ***30*** | | |
| ______________ | | | | |
| 2. L-emissjonijiet keħin jirreferu għall-100 perċentil ta' twieqi mobbli (MW) ta' 1 WHTC għall-vetturi, jew $WHTC_{cold}$ għall-magni | | | | |
| L-emissjonijiet sħan jirreferu għad-90 perċentil ta' twieqi mobbli (MW) ta' 1 WHTC għall-vetturi, jew $WHTC_{hot}$ għall-magni | | | | |
| 4. Applikabbli biss jekk ma jkunx hemm sistema preżenti li twaqqaf il-magna awtomatikament wara 300 sekonda ta' tħaddim kontinwu fuq idling (ladarba titwaqqaf il-vettura u jiġu applikati l-brejkijiet) | | | | |
| | | | | |
| *Emenda* | | | | |
| Il-limiti tal-emissjonijiet tal-egżost Euro 7 għal vetturi $M_2$, $M_3$, $N_2$ u $N_3$ b'magna ta' | | | | |

| kombustjoni interna u magni ta' kombustjoni interna użati f'dawk il-vetturi | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Emissjonijiet ta' inkwinanti | ***WHSC (CI) u WHTC (CI u PI)*** | ***RDE*** | | |
| | għal kull kWh | għal kull kWh | | |
| $NO_x$ f'mg | ***230*** | ***345*** | | |
| PM f'mg | ***8*** | ***8*** | | |
| $PN_{10}$ f'# | ***$6x10^{11}$*** | ***$9x10^{11}$*** | | |
| CO f'mg | ***1500*** | ***2250*** | | |
| NMOG f'mg | | | | |
| $NH_3$ f'mg | ***10*** | ***15*** | | |
| CH f'mg | ***500*** | ***750*** | | |
| $NH_2$ f'mg | | | | |
| HCHO f'mg | | | | |
| ***NMHC f'mg*** | ***80*** | ***120*** | | |
| ___________________ | | | | |
| 2. L-emissjonijiet keħin jirreferu għall-100 perċentil ta' twieqi mobbli (MW) ta' 1 WHTC għall-vetturi, jew $WHTC_{cold}$ għall-magni | | | | |
| 3. L-emissjonijiet sħan jirreferu għad-90 perċentil ta' twieqi mobbli (MW) ta' 1 WHTC għall-vetturi, jew $WHTC_{hot}$ għall-magni | | | | |
| 4. Applikabbli biss jekk ma jkunx hemm sistema preżenti li twaqqaf il-magna awtomatikament wara 300 sekonda ta' tħaddim kontinwu fuq idling (ladarba titwaqqaf il-vettura u jiġu applikati l-brejkijiet) | | | | |

**Emenda 159**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – Tabella 3**

| | | |
|---|---|---|
